# Mis-Sillabu

RIVISTA GĦALL-ISTUDENTI TAL-MATRIKOLA

Volum 1 Numru 2

## LELI TA' ĦAŻ-ŻGĦIR
## ASPETTI AMBJENTALI F'SAN ĠWANN
## IL-PERSONALITÀ TA' DUN KARM
## TABERNAKLI: TLIET BURDATI
## SEMANTIKA

## TAQSIMA GĦALL-GĦARBI
## IN-NOM U L-AĠĠETTIV

peg Publications

PUBBLIKAZZJONI TAL-PUBLISHERS ENTERPRISES GROUP (PEG) LTD.

25ċ

# Mis-Sillabu

**Volum 1 Numru 2**

Pubblikat mill-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
Triq il-Ġdida fi Triq Mountbatten,
Il-Ħamrun, Malta.



© 1984 P.E.G. Ltd.
© Dritt Letterarju tal kittieba

Il-jeddijiet kollha miżmuma. L-ebda silta ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor fotostatiku, elettroniku, mekkaniku, irrekordjat mingħajr il-permess bil-miktub tal-Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd.



Phototypeset mill-Comprint Ltd, Il-Ħamrun
Mitbugħ mill-Imprint Ltd, Ħal Qormi



**Bord Editorjali**
Ġorġ Mifsud (*Editur*)
Mario Azzopardi (*Sub-Editur*)

*Konsulenti* J.M. Brincat
Abdu al-Aziz al-Areibi

*Il-Kittieba*

Mario Azzopardi
Joseph M. Brincat
George Doublesin
Francis Ebejer
Joe Friggieri
Ġorġ Mifsud
Paul Xuereb
Tarċisju Zarb


## X'FIH


**Dokument inedit dwar Ġużè Ellul Mercer**
*Mario Azzopardi* 25
**Perspettivi letterarji f'Malta** (2)
*Joseph M. Brincat* 27
**"Ħitan" jew x'jiġri fil-magħluq** (1)
*Francis Ebejer* 29
**Il-Personalità ta' Dun Karm** (1) *Paul Xuereb* 31
**Tabernakli: Poeta fi tliet burdati** *Joe Friggieri* 35
**Noti dwar movimenti letterarji fl-Ewropa** (2)
**Il-Moderniżmu** *Mario Azzopardi* 39
**Semantika** (2) – **L-Omofonija**
*George Doublisin* 41
**Intervista: Lino Spiteri** (2) 42
**L-Aspetti ambjentali fir-rumanz *San Ġwann*:**
**Tipi f'xibka ta' melodramma** *Tarċisju Zarb* 43

تمارين لتعليم النحو
والصرف (١) جورج مفصود ٤

**Profili (1): Ġużè Delia, S.J.** (2)
*Ġorġ Mifsud* Kopertina


## L-EDITORJAL

Il-kummenti fuq l-ewwel Numru kienu sbieħ u rċevejna bosta suġġerimenti prattiċi. Imma lkoll qablu fuq ħaġa waħda: l-għatx kbir li hawn għal rivista bħal din. Wieħed wasal biex kitibli: "Kemm hi qasira!"

Imma ma rridux inkunu ambizzjużi żżejjed jew ninsew li l-eżami tal-Malti fih żewġ karti fiż-żewġ livelli, il-Lingwa u l-Letteratura. Ma rridux indaħlu kitbiet *biss* fuq il-Letteratura. Hemm ukoll il-Lingwa bil-problemi tagħha fuq il-Komponiment, fuq it-Traduzzjoni, fuq il-Grammatika u fuq il-Lingwistika.

L-istess għall-Għarbi: min kitibli li jrid iżjed, nifhmu għax l-eżami kulħadd irid igħaddi minnu. Imma rridu nimxu pass pass.

F'din il-ħarġa se jissoktaw il-kitbiet ta' J.M. Brincat, Francis Ebejer, George Doublesin, u Mario Azzopardi u l-intervista ma' Lino Spiteri u l-Profil tiegħi fuq Delia. Imbagħad Mario Azzopardi jikkummenta fuq "Dokument Inedit dwar Ġużè Ellul Mercer" u Tarċisju Zarb iħares lejn "Tipi f'Xibka ta' Melodramma" fir-rumanz *San Ġwann* ta' Ġużè Galea.

Il-poeti bħall-pitturi, iridu jkunu artisti kreattivi. Bħalma l-pittur ifisser lilu nnifsu fil-forom u fil-kuluri, xogħol il-poeta huwa l-espressjoni bil-kelma ta' ħsibijietu u ta' ħsusu. Ma jinkiseb qatt studju serju tal-poeżija qabel ma jinstab l-għan tal-poeta hu u jikteb il-versi tiegħu. Il-bniedem bil-qiegħda jaħseb quddiem it-tila tiegħu ma rridux ninsewh. M'huwiex mgħaġġel. Jifhem biżżejjed li t-tifsira vera ta' pittura ma tinkisibx mill-ewwel ma' l-ewwel daqqa ta' għajn.

Il-poeżija l-istess. Irridu niħduha bl-istess sabar. Irridu naqrawha u nerġgħu naqrawha sakemm nifhmu ħsieb il-poeta. Ħalli mbagħad naraw jekk l-effett li l-poeta xtaq li jkollha fuqna nkisibx jew le, jew inkella jekk il-poeżija, fl-aħħar mill-aħħar kellhiex għalfejn tinkiteb!

Kien dan li qanqalna biex barra t-tkomplija tal-kitba "Perspettiva Storika-Kulturali tal-Poeżija bil-Malti" ta' Dr. J.M. Brincat, nibdew bl-ewwel taqsima tat-taħdita "Il-Personalità ta' Dun Karm" ta' l-Avukat Paul Xuereb li kienet inqrat lis-Soċjetà tal-Poeżija/Malta Poetry Society fl-10 ta' Novembru, 1971. Din it-taħdita dak iż-żmien kienet diġà qajmet kontroversja ġmielha u fetħet toroq ġodda għar-rivalutazzjoni tal-Poeta Nazzjonali. Kif stqarr Leslie Fiedler 'il fuq minn 30 sena ilu, il-kritika bilfors "issir dejjem 'xi ħaġa oħra', għas-sempliċi raġuni illi l-Letteratura hija dejjem 'xi ħaġa oħra'" (*Kenyon Review*, vol. 12, nru. 4, 1950, p. 564).

Bl-istess ħsieb se jidher l-istudju ta' Dr. Joe Friggieri fuq *Tabernakli* ta' Mario Azzopardi. Bil-moderniżmu tiegħu Azzopardi qed ikun insistenti fit-tfittxija għall-Assolut. Bħax-xjenzat, qed ifittex forom ġodda u fatti ġodda bil-poeżija tiegħu. Wara l-istudju ta' Friggieri, ta' min wieħed jaqra *Monokordi* (1984), l-antoloġija l-ġdida tiegħu wara *Tabernakli*.

Għall-Għarbi se nibda sensiela oħra, din id-darba taħriġ bil-Grammatika Diretta fuq il frażi sempliċi Għarbija tan Nom u l-Aġġettiv fl-Indefinit u fid-Definit. Fil-ħarġa li jmiss se jidher l-ewwel mudell bit-tweġibiet miegħu ta' Taħriġ il-Fehem bħal ta' l-eżami.


Kull korrispondenza għanda tintbagħat lil

L-Editur, Mis-Sillabu,
Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd,
P.E.G. Building,
Triq il-Ġdida fi Triq Mountbatten,
Il-Ħamrun, Malta.

Mario Azzopardi

# Dokument inedit dwar Ġużè Ellul Mercer



37 Mrabat St.
S. Giuliano 3.VI.49.

Egregio Sig. Professore,

Ho risposto all'annesso "questionnaire" al meglio possibile. Non è necessario che Ella consideri le mie risposte come "Confidenziali"; anzi Ella disponga nel modo che Ella consideri più espediente e pratico.

Con sensi di alta stima
Suo dev.mo Ġużè Ellul Mercer

FL-1 TA' ĠUNJU, 1949, Giovanni Curmi (1900–1973), Professur tal-Letteratura Taljana fl-Università ta' Malta, bagħat ċirkolari lil madwar ħamsin awtur lokali u magħha hemeż kwestjonarju[1] li kellu jgħinu jikteb studju bit-Taljan li jinteressa l-ħidma letterarja f'Malta, l-aktar ta' dawk l-awturi li kienu għadhom ħajjin. Iċ-ċirkolari u l-kwestjonarju, li inkluda tletin mistoqsija, intbagħtu mid-dar privata ta' Curmi, 196, Triq it-Torri, Tas-Sliema u t-test tal-komunikat kien kif jidher hawn:

*Egregio e caro Scrittore,*

*Intendo fare uno studio (in Italiano) sugli Scrittori Maltesi che hanno scritto in Maltese, fermandomi in modo particolare su quelli che sono ancora vivi. Le sarò pertanto molto grato se vorrà, con suo agio, empire e restituire a me l'annesso* Questionnaire, *a cui potrà rispondere tanto in Maltese, quanto in Italiano o in Inglese. S'intende non c'è obbligo a che Ella risponda a tutte le domande.*

*Le Sue risposte verranno considerate strettamente confidenziali, e non saranno mostrate a nessuno senza il Suo previo consenso in iscritto.*

*Sarà molto gradita una copia della sua migliore opera stampata; come pure sarà molto gradito qualsiasi altro aiuto che Ella mi vorrà dare in questo mio lavoro.*

*RingraziandoLa in anticipo, cordialmente La saluto, e Le auguro ogni successo dai Suoi futuri lavori.*

*ft. G. Curmi*
*Dott. Giovanni Curmi*
*Professore di Letteratura Italiana*
*nella Regia Università di Malta.*

Għall-kwestjonarju ta' Curmi wieġbu ħafna mill-attivisti letterarji msemmija dak iż-żmien, fosthom Ġużè Aquilina, Rużar Briffa, Anton Buttigieg, Ġużè Cassar Pullicino, Ġużè Chetcuti, Francis Ebejer, Ġużè Diacono, Ġużè Orlando, Ġino Muscat Azzopardi, Erin Serracino Inglott u Karmenu Vassallo.[2] Wieġbu wkoll Ġużè Ellul Mercer, li kien l-uniku kittieb li offra li Curmi jiddisponi mit-tweġibiet tiegħu b'mod "prattiku" mingħajr ma jqishom "konfidenzjali".[3] Il-konkorrenza ta' l awturi ħeġġet lil Curmi biex iwaqqaf *L-Għaqda ta' l-Awturi Maltin* (1951–1957)[4] li bdiet tniedi lejliet letterarji fl-"Aula Magna" ta' l-Università, fil-Belt.

It-tweġibiet ta' Ellul Mercer jixħtu dawl importanti dwar il-mottivi li qanqluh jibda jikteb għall-ewwel darba, il-frustrazzjonijiet tiegħu dwar espressjoni xierqa bil-Malti, il-bixra newrotika fl-aħjar kitba tiegħu u l-fehmiet tiegħu dwar ir-raġunijiet li minħabba fihom il-letteratura Maltija baqgħet "ostakolata".[5]

Il-fehmiet soċjo-letterarji ta' Ellul Mercer kienu diġà magħrufin biżżejjed. Imwieled fl-Imsida fit-22 ta' Marzu 1897, huwa ddistingwa ruħu bħala wieħed mill-intellettwali fi ħdan il-Moviment tal-Ħaddiema, ippubblika għadd kbir ta' artikli b'riżq il-fidwa tal-klassi l-baxxa f'gazzetti ta' fehmiet Laburisti u xettel ħsibijiet politiċi dwar il-ġustizzja soċjali li sabu oppożizzjoni mill-Awtoritajiet tal-Knisja, li, meta miet f'Settembru, 1961, ordnaw li jindifen f'art li mhix ikkonsagrata.

Id-dinjità tal-bniedem tax-xogħol permezz tal-ġlieda għall-għajxien deċenti kienet il-pern tat-twemmin soċjo-politiku ta' Ellul Mercer, filwaqt li letterarjament, insista kemm felaħ dwar il-ħtieġa tat-tagħlim lill-mases tal-poplu-ħaddiem, nebh li aktarx kien tnissel mill-intellettwali l-ieħor, Vinċenz Bugeja (1887–1963), ħassieb politiku li kien igħix Pariġi u li kien editur tan-*New York Herald* fl-edizzjoni Franċiża.

Il-fehmiet egalitarji ta' Ellul Mercer huma mfissra b'impenn f'siltiet bħal dawn:

> Kull min jitwieled bniedem għandu jgħix ta' bniedem, u biex igħix ta' bniedem, jinħtieġ jitgħallem ta' bniedem, jaħdem ta' bniedem u jiekol ta' bniedem, tant jekk jitwieled bin il-għana u tant jekk jitwieled bin il-faqar.[6]
>
> Biżżejjed wegħdiet qarrieqa u għemil faħxi! Biżżejjed kliem fieragħ li jimla r-ras vojta u jbattal l-istonku fieragħ tal-kotra! Biżżejjed festa kuljum u forka kull sena.
>
> Il-kotra m'għandhiex bżonn ta' ħaġa oħra ħlief ta' ħaqq li jixirqilha u ta' tagħlim kif jistħoqqilha.
>
> Biżżejjed arja fgata bil-qerq, bin-nases, bil-favuri, u mnittna bit-tixrid 'l hawn u 'l hinn ta' xi għadma bi ftit laħam magħha, li bilkemm ixebba' lil wieħed; li xxennaq u tkidd lill-imġewħa mdawra miegħu, iħarsu lejh, jittewbu u jokorbu.[7]

Stqarrijiet bħal dawn sabu oppożizzjoni li lil Ellul Mercer tatu ġewwa u li ta' spiss ġegħlitu jifhem li l-intellett tiegħu fil-fatt qed jaqtgħu mill-kotra aljenata, li donnha ma ridetx tifhem il-ħtieġa għall-fidwa tagħha nnifisha minn taħt idejn l-oppressuri tagħha. Kienu dawn is-sentimenti li wasslu lil Ellul Mercer iqis lilu nnifsu bħala ħabbar-miġnun fi sptar tal-mard tal-moħħ, imdawwar minn pazjenti boloh bil-gwardjani għassa għal kull ċaqliqa tiegħu u tagħhom.[8]

L-emarġinat sublimi jittalla' fil-wiċċ b'saħħa ġdida fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* (1938), xogħol li, fil-kwestjonarju ta' Curmi, Ellul Mercer iddeskrivieh bħala "autobiografia" li, "in parte analizza psichiatricamente la vita d'un neurotico".[9] Fil-kwestjonarju wkoll, għal mistoqsija dwar x'ħajru jibda jikteb, Ellul Mercer fiehem illi "sa minn ċkuniti ħassejt ix-xewqa li nikteb",[10] imbagħad żied jirrifletti illi dik ix-xeħta setgħet



Silta oħra mid-dokument ta' Ellul Mercer (B'ħajr lill-Familja Curmi)



26. Quali sono, secondo Lei, i maggiori ostacoli attuali allo sviluppo della Letteratura Maltese? Quali rimedi suggerisci?

Diversi, p.e. fanatismi religiosi. Mancanza di Coltura necessaria nei cosidetti dirigenti dei diversi movimenti della Lett: Maltese

27. Quale è, secondo Lei, la condizione del Letterato Maltese contemporaneo?

il come si chiama "odio di mestiere", le poche opere letterarie degni di questo nome. La condizione della maggior parte dei letterati Maltesi contemporanei è deficitosa nella vera educazione e coltura

28. Deve, secondo Lei, seguire qualche indirizzo speciale la Letteratura Maltese?

Sì. Meno "purismi" e plagiarismi
più libertà di pensiero e di espressione

kienet xi għamla ta' ''tendenza intellettuale morbosa''.[11] Il-polemika ta' Ellul Mercer kontra l-injoranza titħallat ma' kwistjoni morali dwar Alla, li l-problema ta' l-eżistenza tiegħu wasslet lill-awtur jistqarr li saħansitra, minn xi daqqiet, l-eroj fil-kitba tiegħu juri tendenzi ta' ateiżmu. Minn hawn jista' jkun imnissel il-ħsieb ta' l-intellettwali bħala l-marid patoloġiku fissens li jieħu fix-xogħlijiet ta' Dostojevski, Nietzsche u Nordau, awturi li Ellul Mercer intrabat mill-qrib max-xogħlijiet tagħhom u li sabu post ukoll f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*.[12]

Fit-tweġibiet tiegħu għall-kwestjonarju ta' Curmi, Ellul Mercer irrefera wkoll għal 32 novella ppubblikati f'rivisti u ġurnali diversi, fosthom ix-xogħol tiegħu *Bniedem* (1927) ''iċċensurat mill-Kurja ta' l-Isqof minħabba 'immoralità' u meħlus mill-Qorti ta' l-Appell (preseduta) mill-Imħallef Sir Filippo Sciberras''.[13] Mill-kwestjonarju joħroġ ukoll li Ellul Mercer kien qaleb għall-Malti siltiet mir-*Rivoluzzjoni Franċiża* ta' Carlyle (1837) u kiteb għadd ta' artikli umoristiċi f'folji ta' kull ġimgħa bħal *Dr Xekkek*, *Il-Ħmar* u *Il-Ċaħan*.[14] Għalkemm ix-xogħol soċjo-realista ta' Ellul Mercer huwa mbiegħed ħafna mill-intenzjonijiet ta' Dun Karm Psaila, is-saċerdot li ħoloq poeżija li skapulat it-traġedja ''tal-kotra li ma tafx taħseb għax ma għallmuhiex'',[15] Ellul Mercer xorta waħda fehem illi Dun Karm ħoloq il-''kapulavur poetiku tal-Letteratura Maltija''[16] bil-kompożizzjoni tiegħu ''Il-Jien u Lilhinn Minnu''.

L-istħarriġ intellettwali ta' Ellul Mercer wasslu wkoll biex inissel fehmiet ta' tilwim kontra ''l-insara ta' l-isem''[17] f'kull attività tal-ħajja Maltija, inkluża l-ħidma letterarja. Għall-mistoqsija dwar x'kienu l-ostakli attwali kontra l-iżvilupp ta' letteratura serja bil-Malti, Ellul Mercer wieġeb hekk:

> Diversi, p.e., fanatismi religiosi. Mancanza di Coltura necessaria nei cosidetti dirigenti dei diversi movimenti della Lett. Maltese.[18]

Fil-fehma tar-riformista soċjali, il-letterati ta' żmienu, fil-maġġoranza tagħhom, kienu qegħdin jipproduċu letteratura nieqsa mill-kwalitajiet serji tal-''vera edukazzjoni u kultura'',[19] filwaqt li l-Letteratura Maltija ħteġilha li tagħraf li kellha ssegwi minnufih toroq li jbegħduha mill-''puriżmi u plaġjariżmi'',[20] filwaqt li jwassluha għal ''aktar libertà fil-ħsieb u fl-espressjoni''.[21]

**NOTI**

1. Dokumenti li ħalla Curmi, illum miżmumin għand il-familja tiegħu.
2. *Tagħrif* lill-awtur preżenti minn Ileana Curmi, bint Giovanni.
3. Curmi ħalla istruzzjonijiet bil-miktub li t-tweġibiet kollha ta' dawk li kkonkorrew għall-kwestjonarju kellhom ikunu meqruda wara mewtu, minbarra t-tweġibiet ta' Ellul Mercer. *Tagħrif, cit.*
4. Għal rapport dwar l-ewwel attività ta' l-*Għaqda (Soċjetà) ta' l-Awturi Maltin, vide Il-Berqa*, 31/12/1951. Fl-10 ta' Marzu, 1957, Curmi kiteb lil Karmenu Vassallo, Segretarju ta' l-Għaqda u rrefera għal *la nostra moritura Società. Dokument* għand il-familja Curmi.
5. Id-*Dokument* oriġinali bl-iskrittura ta' Ellul Mercer, imqassma fuq tliet faċċati, bid-data 3/6/1949, jinsab għand il-familja ta' Curmi.
6. *Il-Ħmara*, 20/5/1929.
7. *Vide* l-artiklu ''Il-Ħelsien Tagħna'' f'*Il-Ħmar*, 17/8/1927.
8. ''Miġnun'', novella li Ellul Mercer ippubblika f'*Il-Ħmar*, 8/8/1928.
9. *Dokument* bl-iskrittura ta' Ellul Mercer, *Cit.*, p. 2.
10. *Ibid.*
11. *Ibid.*
12. Cfr. *Leli ta' Ħaż-Żgħir, It-Tielet Kiteb, Taq.* II u VII. Huwa probabbli li l-karattru tas-Sur Kelin f'Ħaż-Żgħir huwa mibni fuq Ġwann Mamo, riformista soċjali ieħor li kellu ħanut tal-kotba fil-Ħamrun u li ''kien jislef kotba lil Ellul Mercer kontinwament'' (*Tagħrif* lill-awtur minn Salvu Borg, membru fil-Kumitat Distrettwali tal-*Partit tal-Ħaddiema* fl-Imsida, fi żmien Ellul Mercer, attivista kbir fi ħdan id-Distrett). Il-ħsieb newrotiku tal-letteratura moderna jerġa' jitfisser fit-*Tieni Ktieb, Taq.* XII, fejn jissemmew Kant, Nietzsche, Shopenhauer u Nordau.
13. *Dokument, ult. cit.*, p.2.
14. *Ibid.*, p.3.
15. ''Il-Ħelsien Tagħna'', *cit.*
16. *Dokument, loc. cit.*
17. *It-Tieni Ktieb, Taq.* XVIII.
18. *Dokument, cit.*, p.3.
19. *Ibid.*
20. *Ibid.*
21. *Ibid.*



K. Vassallo



V.M. Pellegrini



R. Briffa

# PERSPETTIVI LETTERARJI F'MALTA [2]

J.M. BRINCAT

IT-TIELET ĠENERAZZJONI TA' POETI MALTIN kompliet tinseġ versi fuq temi tradizzjonali, bħalma huma s-sentimenti reliġjużi u patrijottiċi, l-imħabba lejn l-ilsien tagħna u lejn artna. Dan ifisser li komplew jemmnu fil-missjoni edukattiva tal-kittieb, imma, billi l-moviment kien qed jikber, in-numru tal-awturi żdied, u, jekk l-ikbar parti baqgħet ma ħarġetx mil-limiti tat-tradizzjoni, kull poeta ġdid ikkontribwixxa biex iwessa' l-kamp letterarju tal-Malti billi jżid dik ix-xiħaġa personali tiegħu, li tidher mill-interessi u mill-għażla tematika u teknika biex jintgħaraf mill-oħrajn. Komplew jinkitbu sunetti u għanjiet, u apparti l-preferenza evidenti lejn il-ballata romantika,[29] tidher ukoll tendenza biex l-endekasillabi jiġu varjati b'versi iqsar.

Rużar Briffa żviluppa l-espressjoni lirika tat-tip romantiku b'mod l-aktar fin, u ħoloq stil malinkoniku u magħluq fih innifsu iżda rassenjat. Ġorġ Pisani jpinġi xeni mill-passat, imma jitlaq dejjem minn dak li llum baqa' mill-imgħoddi. Diffiċli ssib wieħed li ma kitibx versi reliġjużi, imma ħdejn il-poeżiji ċelebrattivi u moralistiċi tat-tradizzjoni (Cuschieri, Camilleri, Delia) bdew jidhru toni diversi, bħax-xettiċiżmu ta' Karmenu Vassallo u dik iċ-ċerta arja familjari mal-ħwejjeġ reliġjużi li Anton Buttigieg juri fil-leġġendi tiegħu li biha jirnexxilu jniżżel dak li hu sopranaturali aktar viċin lejna.

Kollox ma' kollox il-poeti ta' bejn l-1930 u l-1950 jiktbu iktar fuq suġġetti profani, jifhmu l-poeżija aktar bħala espressjoni personali milli bħala lezzjoni lill-poplu u ma jaħbux il-pessimiżmu li jagħmel parti integrali mid-destin tal-bniedem.

Fil-fatt, il-programm intensifikat tat-tagħlim ta' l-Ingliż ta l-ewwel frott tiegħu, għalkemm b'mod indirett: għad li huma ftit dawk li kitbu bl-Ingliż, kważi kollha juru li ħassew l-influwenza tal-letteratura Ingliża. Ma jistax jonqos li wieħed jagħmel osservazzjoni żgħira fuq il-preferenza tal-għalliema tal-Liċeo u ta' l-Unversità (ta' spiss Taljani jew Ingliżi), lejn il-kittieba l-kbar tar-Romantiċiżmu. Ġeneralment il-letterati tagħna juru li kienu jafu sew l-ikbar figuri Taljani u Ingliżi ta' l-epoka Romantika, kif ukoll xi oħrajn kbar ta' perijodi ta' qabel jew ta' wara. Il-fatt ma jistax ma jirriflettix ruħu fil-kitba tagħhom bil-Malti: hekk, biex nieħdu żewġ eżempji, naraw f'Ġorġ Pisani l-influwenza ta' Carducci u ta' Shelley, filwaqt li Anton Buttigieg sab f'Wordsworth sentiment lejn in-natura li jikkorrispondi ma' tiegħu, filwaqt li juri wkoll li jaf lil Dante u lil Pascoli.

Din il-bipolarizzazzjoni letterarja nisslet grupp ta' poeti li jiktbu bi tliet lingwi, bħal Ġorġ Zammit, Albert Cassola, V.M. Pellegrini u Amante Buontempo, meta jintgħarfu żewġ figuri opposti, waħda, Mary Meylaq, għan-nuqqas ta' influwenzi letterarji ħlief dawk tal-poeżija popolareġġanti, l-ieħor, Anton Buttigieg, għall-interessi aktar miftuħin fil-kamp tekniku, li ppermettew lill-vina satirika tiegħu tesprimi ruħha, wara esperjenza pożittiva fl-epigramm, anki fl-iskemi Ġappuniżi bħall-*ħajku* u t-*tanka*. Il-volum *Il-Muża bil-Kimono* ħareġ fl-1968, u huwa xhieda tal-kontinwità ta' Buttigieg, li, flimkien ma' M.C. Spiteri (Kilin) u Wallace Gulia, jifformaw pont bejn il-poeżija tradizzjonali u dik ġdida, minħabba li wrew dik l-evoluzzjoni spiritwali li hi indispensabbli biex wieħed ma jitlifx il-kuntatt mas-soċjetà tal-lum.

Ma' dawn hemm bżonn li jissemma J.J. Cremona, li taħt ċerti aspetti huwa l-prekursur taż-żgħażagħ peress li kien adotta forom ħielsa li jimxu aktar maż-żmien letterarju tal-lum, fil-poeżija li kiteb bit-Taljan u bl-Ingliż sa mill-1930 u '40, u lil V.M. Pellegrini għal xi komponimenti sperimentali futuristiċi (*Vele all'orizzonte*, Malta, 1935, pp. 32–34, 135–5), jew formali (*Pensieri, accenti e sillabe*, Malta, 1933, pp. 83–5).

GĦALL-ĦABTA tal-1960, is-soċjetà Maltija bdiet titbiddel mill-egħruq taħt il-pressjoni ta' fatturi esterni li ħelsu impulsi interni li kienu ilhom miżmumin ġewwa. M'hemmx għalfejn wieħed ifakkar is-sehem kbir tal-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, bħall-gazzetti u r-rivisti ta' barra, speċjalment iċ-ċinema u t-televiżjoni,[30] biex ma nsemmux l-influwenza soċjali tal-eluf ta' turisti li bdew deħlin fi gżiritna, l-aktar mill-Ingilterra. Ma kenitx kumbinazzjoni li l-aħħar ġenerazzjoni ta' kittieba tagħna bdiet tissemma bis-serati "*beat* u letteratura": meta ż-żgħażagħ għażlu l-akkompanjament tal-mużika tal-*Beatles* u r-*Rolling Stones* għall-qari tax-xogħlijiet tagħhom kienu qed jieħdu posthom in-naħa l-oħra tal-poeti antiki, li ġew identifikati ma' l-opri. Matul is-snin li kienu jaqraw b'kurżità u b'komprensjoni l-aħbarijiet tal-protesti, kultant vjolenti, li ż-żgħażagħ barra kienu qed jagħmlu kontra l-*establishment* ta' pajjiżhom, bdiet tissawwar l-idea tal-qasma inevitabbli ma' dawk li kienu jirrappreżentaw l-iskola l-qadima; li mhux biss kienu qed jikkritikaw l-istil ġdid taż-żgħażagħ, imma kienu qed jagħlqu t-triq tax-xandir tradizzjonali.[31]

Bħala konsegwenza, is-sitwazzjoni ġegħlithom jifhmu l-bżonn tal-għaqda, ta' sforz organizzat. Mil-laqgħat informali madwar l-imwejjed tal-Kafè Reġina, għaddew għat-tħabrik divulgattiv billi sabu l-wisa' fil-gazzetti ġodda, u wara l-ewwel

kuntatt pożittiv mal-pubbliku, dejjem midħla aktar tal-individwalità tagħhom, waqqfu, fl-1967 il-Moviment Qawmien Letterarju, li ma damx ma beda l-programm tiegħu fuq ir-*Rediffusion*, il-perjodiku tiegħu għax-xogħlijiet ġodda, *Il-Polz*, u ieħor aktar ħafif għat-tfal tal-iskejjel, *Sagħtar*, fl-1970.

L-isem tal-*Moviment*, hekk ambizzjuż, huwa sintomatiku tal-atteġġament antikonvenzjonali tal-grupp. L-innovazzjoni l-iżjed evidenti, dik formali, warrbet għal kollox l-iskemi metriċi tradizzjonali u ħaddnet il-forom ħielsa li huma min-naħa l-waħda dikjarazzjoni tal-individwalità tal-membri tal-Moviment f'konfront mal-kittieba aktar anzjani, imma min-naħa l-oħra wera tħabrik serju biex il-kultura Maltija tieħu postha, b'mod aġġornat, fi ħdan il-kultura internazzjonali u kontemporanja.[32] B'hekk wieħed jista' jara tliet aspetti ġodda essenzjali. L-ewwelnett, l-istess għażla tat-temi li turi kuraġġ mhux tas-soltu, bħal dak ta' min irid isemmi affarijiet li l-oħrajn ma ażżardawx isemmu: flok it-tifħir u l-lezzjonijiet, jipproponu l-konfessjoni u d-denunzja.[33]

It-tieni aspett fih importanza kbira; huwa l-għażla lingwistika, ħielsa mill-preokkupazzjoni tal-antiki, li b'ħilithom kollha riedu jibnu lingwaġġ poetiku tat-tip qadim b'tendenza li jingħalaq bejn dawk il-ftit li kienu jifhmu. La darba telqu t-teknika sterili tal-intensjar ta' prezzjożiżmi arkajċi, il-poeti tal-*Moviment* ħolqu kuntatt mill-ewwel mal-pubbliku kontemporanju billi adottaw l-ilsien ta' llum. Fehmu l-korrispondenza bejn l-artifiċjalità tal-ideat u l-lingwaġġ artifiċjali, u bdew jittrattaw ir-realtà ta' kuljum bil-lingwa ta' kuljum. Għalhekk, fittxew l-espressività fl-unika linja li baqgħet miftuħa: dik tat-teknika "stranjanti". L-essenza tal-poeżija tagħhom qiegħda proprju fir-rapport mhux tas-soltu li jinħoloq bejn kelmiet u kunċetti li wieħed qatt ma jsibhom fid-diskors normali. It-tiftix bla waqfien ta' immaġnijiet ġodda li joħolqu effett li jaħsad, u b'hekk joħroġ b'qawwa espressiva mhux tas-soltu, jikkaratterizza l-poeti moderni kollha: hemm l-impenn ermetiku u fantasjuż ta' Daniel Massa, il-vjolenza ċara tal-kliem ta' Mario Azzopardi, l-introspezzjoni turmentata u matura ta' Victor Fenech, u fuq kollox l-akkumulazzjoni ta' paraguni magħqudin flimkien bħal katina li jagħtu sekwenza ta' suġġestjonijiet foniċi fil-versi ta' Achille Mizzi.

IL-GRUPP tal-Moviment qaleb ta' taħt fuq il-valuri tal-poetika tradizzjonali Maltija, imma, naturalment, anki hawn wieħed għandu jfittex l-egħjun kulturali, u dawn, ta' min iżomm quddiem għajnejh li diġà kien uriehom Ġ. Aquilina fl-1948. Dan, fil-prefazzjoni għall-ewwel edizzjoni tal-*Muża Maltija* kien semma tliet mudelli ta' statura internazzjonali, bħalma huma G.M. Hopkins, Ezra Pound u T.S. Eliot, imma l-proposti tiegħu baqgħu mhux mismugħa, għax tul l-għaxar snin ta' wara, it-tentattivi biex tinkiteb poeżija ġdida fit-tematika u fit-teknika kienu ftit u rari ħafna.[34]

Mhix kumbinazzjoni l-koinċidenza bejn it-twelid tal-poeżija tat-tip modern u s-snin tal-indipendenza politika, imma ma naħsibx li nista' naqbel perfettament ma' P. Serracino Inglott li jistabbilixxi rapport dirett bejn il-fenomenu politiku u dak poetiku.[35] Naħseb li t-tnejn huma sintomi paralleli tal-maturità tas-soċjetà Maltija li għall-ħabta tal-1960 bdiet teħles mill-kumpless "kolonjali", paralizzanti, li kien iżommha lura minn dak kollu li huwa ġdid, li ma joffrix il-garanziji tradizzjonali. Meta nżommu quddiem għajnejna t-tpartit kontinwu li dejjem ikkaratterizza l-kultura tal-Ewropa, u partikolarment il-fatt li llum, minħabba fil-mezzi ħfief tal-komunikazzjoni u tal-organizzazzjoni editorjali, qed nersqu dejjem aktar lejn letteratura internazzjonali, il-kwistjoni tal-moderniżmu poetiku lokali hija fil-qofol tagħha problema kronoloġika.

Ir-raġuni li l-forom kontemporanji daħlu fostna hekk tard (fenomenu kroniku fl-istorja tal-letteratura tagħna, imma li


V. Fenech


D. Massa


A. Mizzi

llum għandu inqas skużi) tfissret tajjeb ħafna minn P. Serracino Inglott meta dan qal li l-poeżija Maltija kienet għadha f'fażi ta' kostruzzjoni sas-snin ħamsin. Madankollu wieħed lanqas ma għandu jinsa r-responsabbiltà tat-tagħlim fil-Liċeo u fl-Università marbut wisq ma' l-awturi l-kbar tas-snin l-imgħoddija. Il-poeżija moderna bil-Malti seħħet meta ż-żgħażagħ tagħna, iktar numerużi fis-snin sittin milli fl-għaxar snin ta' qabel, setgħu jkunu jafu l-poeżija ta' Hopkins, Pound u Eliot, proprju kif kien wera bil-quddiem Ġ. Aquilina.

Minn dan jidher ċar li l-isforz taż-żagħżugħ kien li jqabbad il-poeżija Maltija ma' dik internazzjonali, billi ħass differenza kbira bejn dak li kien qed jaqra bil-Malti u dak li kien qed jaqra bl-Ingliż. F'dan kienet ta' għajnuna determinanti l-koinċidenza tal-lingwa tal-kultura ta' gżiritna u dik li wara l-gwerra wriet l-ikbar vitalità, tant li waslet li tagħmilha ta' gwida tal-kultura oċċidentali. Ma tistax ma tagħrafx l-importanza ta' l-influwenza Ingliża jekk trid tifhem sewwa l-każ tal-poeti tagħna ta' llum. Ilkoll ħarġu mill-ġenerazzjoni li kibret fil-klima skolastika ta' wara l-gwerra fejn l-Ingliż ħa post it-Taljan għal kollox, u ressqu fil-ġenb bħala lingwa li jekk trid tistudjaha u jekk ma tridx ma teħodhiex.

## NOTI

29. Il-ballata romantika tiltaqa' mal-kwartina popolareġġanti, li forsi hawn taf il-popolarità tagħha lill-influwenza tal-kant liturġiku u tal-kurunelli (dawn spiss ikunu f'ottonari bir-rima *ABĊB*).

30. Il-gazzetti u r-rivisti huma fil-biċċa l-kbira Ingliżi, imma wara l-gwerra bdew deħlin ħafna perjodiċi Taljani. Iċ-ċinema huwa 99% Anglo-Amerikan fiċ-ċirku kummerċjali, filwaqt li xi films artistiċi qed jintwerew bl-inizzjattiva tal-Istitut Kulturali Taljan u taċ-ċentru universitarju. Il-programmi televiżivi tar-RAI bdew jaslu fl-1958 u mit-tliet kanali tar-RAI żdiedu l-istazzjonijiet privati Sqallin li llum inxtorbu minn kanali nazzjonali (Rete 4, Canale 5, Italia 1, ecc.)

31. P. Serracino Inglott, fl-istudju tiegħu *Maltese Poetry 1960–1970* fil-"Journal of the Faculty of Arts" (RUM), vol. V, n. 1, 1972 juri li l-antoloġija uffiċċjali *Il-Muża Maltija*, miġbura mill-Professur tal-Malti fl-Università, kienet laqgħet żewġ poeti biss li mhumiex tradizzjonali fl-edizzjoni tal-1964, waqt li dik tal-1969 kienet daħħlet sitta (ara l-artiklu msemmi, pp. 6–7).

32. Il-firda bejn iż-żewġ skejjel inħasset tant bil-qawwa għax il-ġenerazzjonijiet ta' qabel baqgħu weqfin f'pożizzjonijiet romantiċi, u ma tawx kas l-iżviluppi ġodda li kienu qed jissawru fil-poeżija internazzjonali tul l-ewwel nofs tas-seklu għoxrin. Għalhekk fil-letteratura Maltija m'għandniex esperjenzi tabilħaqq pożitivisti, simbolisti jew futuristi. Din l-attitudni ma ħallietx issir l-evoluzzjoni naturali mill-antik għall-modern bħal barra. F'dan l-aspett il-pitturi tagħna għarfu jimxu maż-żmien qabel il-kittieba stess.

33. L-antoloġija *Linji Ġodda* (1973) tiġbor il-poeżiji f'taqsimiet skond it-temi, u għalhekk hija utli ferm biex wieħed jara x'temi għażlu l-poeti ġodda u kif jittrattawhom.

34. Ara, P. Serracino Inglott, *Maltese Poetry*..., p. 7.

35. Ara, P. Serracino Inglott, op. cit., p. 10: "Kellna nistennew il-fatt sa l-Indipendenza politika sabiex it-tiftix ta' forom Maltin seta' jsir mhux minn individwi iżolati li jipproduċu poeżiji bil-waħdiet, iżda biex jidher Moviment b'din l-intenzjoni ċara fil-kuxjenza tiegħu". L-awtur jidher li qed jidentifika "forom tradizzjonali" ma "forom Taljani", u "forom ħielsa" ma' "forom Maltin", mingħajr ma jfakkar li l-forom konvenzjonali huma komuni għall-poeżija oċċidentali kollha sal-aħħar parti tas-seklu dsatax, filwaqt li l-forom ħielsa huma ħaġa waħda mill-poeżija oċċidentali kollha tal-lum, wara l-ewwel esperimenti tas-simbolisti u surrealisti Franċiżi (fl-aħħar tas-seklu l-ieħor) u tal-futuristi Taljani (1909–1920).

LIVELL O

# "ĦITAN" JEW X'JIĠRI FIL-MAGĦLUQ


## MINN FRANCIS EBEJER


### *Ħitan* u x-xogħlijiet l-oħra





Ebejer fis-snin sebgħin.

> *"This dramatist's work is an intellectual quest which raises problems and lays one open to risks, while its objective is achieving peace and simplicity."*
> *(Prof. Peter Serracino-Inglott)*

Jekk kittieb ifettillek titolbu biex joħroġ b'kelma waħda biss li tiġbor ġo fiha u tfisser ix-xogħol tiegħu, aktarx li l-ewwel ma jagħmel jaqleb qalba għajnejh lejn is-sema, iħokk ħakka l-fdal ta' xagħru, jitfixkel fil-pass, u mbagħad igħidlek: "Ħallina, sieħbi, trid, mela m'għandekx x'tagħmel?" Iktar u iktar jekk it-talba għal *kelma waħda* trid titqies ma' għadd mhux ħażin ta' xogħlijiet letterarji.

Imma xi waqt ta' kontemplazzjoni f'ġabra assoluta jiġih il-kittieb kultant. F'ħin bħal dan, jekk jintelaq sew taħt il-mantâr tal-ħsieb, u jissamma' kif jixraq ġos-subkonxju tiegħu, b'xi ħaġa għandu joħroġ żgur. M'għandniex xi ngħidu, waqt eżerċizzju bħal dan m'għandux joqgħod jaħseb fuq dettalji tal-ħajja ta' kuljum (Tgħid x'se nsajjar illum? Tgħid immur naħsilha dik il-qmis jew inħalliha għal għada? Il-karta ta' l-*income tax* imlejtha? Dak il-qattus ta' ħdejja, għax ma jagħmlulux xi ħaġa? Xi qrusa għamilli dak il-pastizz tal-bieraħ! eċċ.) Jekk huwa kittieb minn qaddisu, dil-ħaġa m'għandux isibha bi tqila wisq. Dik il-parti kreattiva ta' moħħu żgur li sejra taqdih – jekk iħalliha taħdimlu fil-libertà kollha u bla xkiel.

Fil-każ tiegħi – la x-xitan ried li niġi mitlub mill-Editur biex inkun suġġettiv, jiġifieri nikteb fuqi nnifsi! – dik il-kwarta ta' siegħa, straordinarja, u li qisu rregalahielek xi ħadd mingħajr ma int tlabt għaliha, aktarx li tinfexx f'laqgħa ġenerali tal-karattri li jien kont ħloqt f'rumanzi, drammi u novelli: kemm dawk li niftakar sew u nieħu gost narahom, u kemm dawk li kont għoddni nsejt, jew għax kont ili li ktibthom jew inkella għax ma tantx kienu laqtuni wisq. Arahom irossu biex jidħlu ġewwa s-sala ta' moħħi; imbagħad jiġi xi ħadd minnhom u jgħidli: "Hawn jien, mela nsejtni? Insejtni, eh! Jien dak il-ħabib ta' Viktor fid-dramm tiegħek *Bwani*. M'għaraftnix? Mela morna jew?"

F'dawn il-laqgħat ġenerali ta' ġewwa moħħi m'hemmx distinzjonijiet. Tirrenja demokrazija għall-aħħar – naturalment wara li nkun trażżant biex ma nagħmilx preferenzi; kulħadd tad-demm u l-laħam! Karattru, ngħidu aħna, minn xi dramm taraħ imur isellem jew jiċċaċċra ma' xi ħadd minn xi dramm ieħor jew rumanz, allavolja ma jkunu jaqblu xejn fil-"karattru" u fl-ideat; jew inkella karattru ta' rumanz ma' karattru minn xi dramm; jew karattru minn xi biċċa li kont ktibt bil-Malti ma' karattru minn xi biċċa oħra bl-Ingliż; karattru serju ma' ieħor żuffjettuż.

Min jaf kemm-il darba rajt lil Rita tad-dramm *Il-Ħadd fuq il-Bejt* titkellem ras imb'ras ma' Rakele ta' *Ħitan*, it-tnejn jiddiskutu bejniethom il-problemi ta' l-ommijiet, u ta' l-isterilità, kemm dik fiżika u dik morali. Luċija tar-rumanz *A Wreath of Maltese Innocents* tieħu grazzja ma' Paul ta' *Requiem for a Malta Fascist* ... qribhom sew u tittawlilhom minn taħt b'dik l-intelliġenza nattiva u brikkuna tagħha n-Nanna tradizzjonalista ta' *Meta Morna tal-Mellieħa* ...

Hemm ukoll Blonk tad-dramm *Boulevard* b'dawk il-ħafna mutetti tiegħu jiddiskuti l-arti u l-anti-arti ma' Sarid ta' *Is-Sejħa ta' Sarid*. Tara l-Kontessa Elena ta' *Requiem for a Malta Fascist, sexy* u eleganti la moda tas-Snin Tletin riesqa b'gabarrè *hors d'oeuvre* lejn ix-xwejjaħ Menz tad-dramm *Menz*, li kemm se jdum jiekol ħobż u ġobon biss! Hector tad-dramm *Sefora* taraħ iwiddeb lil Peter tad-dramm *L-Imnarja Żmien il-Qtil* biex ma jaħlix ħajtu fiż-żina, u lil Johnnie ta' l-istess dramm ifissirlu xi ħaġa dwar ir-responsabbiltà morali u etika ta' kull individwu. Imbagħad ukoll Joseph tar-rumanz *In the Eye of the Sun* jitkellem bi kliem imqanqal kontra l-konformiżmu mażżagħżugħ ribelli l-ieħor Pierre tad-dramm *Vaganzi tas-Sajf*; Marcell tar-rumanz *Leap of Malta Dolphins* iħaqqaqha fuq il-qerda ta' l-ambjent ma' Manwela tad-dramm *Karnival* u ma' Johnny tad-dramm *X'Ma Kixifx il-Ħajt*; Rosie tar-rumanz *Wild Spell of Summer* tinħabb ma' Paul tad-dramm *Ir-Rewwixta tas-Swaba'*, għax taraħ iħobb in-natura bħalha, filwaqt li Karmen tad-dramm *Majjistral* tkun tixtiequ għaliha għax ifakkarha f'Lewis, għalkemm taf li missierha se jkompli jfixkilha ...

U l-folla dejjem tikber ... u t-tlablib ma jieqaf qatt, qishom ilkoll ħadu r-ruħ li ħarġu għal ftit minn dak il-ħabs, jew klawsura, ta' paġni fejn kien qafilhom dak ix-xifajk li darba ġietu f'rasu li joħloqhom!

Tibda tisma' ħerġin frażijiet, sentenzi, diskorsi sħaħ, kelma b'kelma minn xi dramm jew minn xi rumanz. Ilkoll karattri differenti minn xulxin u bħal xulxin fl-istess waqt: ħaġa li malajr tinftiehem, għax min wellidhom huwa bniedem wieħed, ikunu kemm ikunu l-livelli u n-naħiet kuntrastużi fil-personalità tiegħu.

Magħdudin id-differenzi ta' bejniethom, il-bnedmin mhux kollha bażikament ta' l-istess qatgħa? Jekk xi ħadd jippretendi li huwa l-mostra, l-oħrajn x'inhuma jekk mhux il-pezza?

Insomma, nieħu gost narahom ilkoll flimkien – hekk, għal ftit tal-ħin, għax

inkella jeħduli rasi! Irrid noqgħod b'seba' għajnejn li filwaqt li qiegħed nissindikalhom, ma niġġudika u nikkundanna 'l ħadd minnhom. Xorta nħobbhom bin-nuqqasijiet u l-istupidaġni kollha tagħhom: ilkoll maqbudin fiċ-ċirku taċ-ċirkustanzi tal-ħajja. U aħna, is-suppost "ħajjin", mhux xi ħaġa hekk ukoll? Aħna x'aħna ħlief il-prodott ta' għadd kbir – u impossibbli li xi darba nkunu nafu kemm tassew kbir – ta' influwenzi ereditarji u ambjentali li jdawruna issa lejn naħa u issa lejn oħra?

U għalhekk, wara dan l-eżerċizzju, il-kittieb, jiġifieri jien stess bħalissa (ladarba ġejt mitlub biex nikteb fuq il-ħidma letterarja tiegħi, b'referenza speċjali għad-dramm *Ħitan*), żgur li sibtha dik l-imbierka kelma.

U din il-kelma waħda, ġenerika u tematika, hija: *TWELID*.

## "Twelid" f'*Ħitan*

Uissa la għedtha, dik is-sala speċjali ta' moħħi għalissa nista' nerġa' nagħlaqha; lil "dawk" (imsieken) nerġa' naqfilhom fil-paġni tal-kotba; u nqum nimla l-karta ta' l-*income Tax*; inkellem lill-ġirien fuq dak l-għaġeb ta' qattus; noqgħod attent li ma nikolx pastizzi minn ta' Ibieraħ; u mhux biss naħsel il-qmis, imma niżbarazza l-iskrivanija ħalli fl-aħħar ikolli daqsxejn ta' spazju fejn nikteb . . .

Nixtarr kull ma ktibt s'issa kemm drammi u rumanzi, bil-Malti u bl-Ingliż, u ma ndumx ma nikkonkludi li r-*raison d'être* ta' kważi kollha kemm huma hija dik ix-xenqa tremenda għat-twelid, twelid ġdid, ħalli forsi l-affarijiet ikunu aħjar, għalihom stess u għal ġarhom.

Twelid ġdid fuq bażi metaforiku: bħal dak ta' Rita f'*Il-Ħadd fuq il-Bejt* meta welldet lilha nnifisha bħala mara ġdida; ta' Menz fid-dramm ta' l-istess isem, li twelidu għal ġol-libertà individwalistika tiegħu sata' jseħħ biss, u paradossalment, permezz ta' mewtu stess; tal-karattri kollha ta' *Vaganzi tas-Sajf*, wara li dawn kienu ġabu għawġ kbir fuqhom infushom għax damu wisq ma bdew jifhmu xi ħaġa minn dik il-verità ta' ġo fihom li huma kienu warrbu fil-ġenb; ta' dawk ta' *Boulevard*, li ħallew jaħarbilhom ċans wara l-ieħor li jkunu nies verament ta' dehen; ta' *Meta Morna tal-Mellieħa*, fejn kellhom ikunu l-qtil banali ta' tiġieġa u l-attentat ta' suwiċidju ta' Anna li bdew jhejjuhom għall-qawmien, twelid ġdid.

L-istess fir-rumanzi; fl-ewwel tnejn, *A Wreath of Maltese Innocents* u *Wild Spell of Summer*, it-tfajla Maltija tas-Snin Ħamsin titħabat biex titwieled mill-ġdid, din id-darba bħala mara emanċipata f'Malta aktar moderna; Lorenz fir-rumanz *Requiem for a Malta Fascist* jitwieled għal ġo pajjiżu li issa hu għal kollox sovran wara snin ta' tfittxija għall-identità fi sfond kolonjali; il-kontra ta' kif għamel Joseph ta' *In the Eye of the Sun* li twieled lura għal ġo Malta l-qadima, jew lura għal ġo l-ewwel ġuf għax il-ħajja ta' llum li se twelled il-ġejjieni ma setax jifhimha – paradossi oħra f'dinja miżgħuda bil-paradossi! – jew għax kien għadu kmieni wisq għal moħħu biex jagħmilha l-qabża ta' l-iżvilupp storiku.

L-idea ta' twelid jien naraha toħroġ f'*Ħitan* b'dik l-insistenza li bħal tħaddan ġo fiha kull twelid ieħor li seħħ fid-drammi l-oħra . . .

Għalhekk jekk wieħed jibda mill-bidunett, id-dar tan-Nannu tista' tiġi mxebbha ma' ġuf, ma' bajda, ma' fosdqa. Bħal kull ħaġa oħra li qiegħda tifforma ruħha – b'dawk ir-reazzjonijiet u kontra-reazzjonijiet fost dawk l-elementi kimiċi li fl-aħħar jirnexxu biex isawru kreatura ġdida: it-tarbija, il-fellus, il-farfett – xbihat analogi ta' dawn l-elementi jinsabu wkoll fil-bajda/fosdqa/ġuf-dar tan-Nannu.



Xena mit-teledramm ***Ħitan***. (Ħajr lil Francis Ebejer)

Reazzjoni u kontra-reazzjoni: imħabba u mibegħda; tifkira u tnessija; ħruxija u mogħdrija; preġudizzji u tolleranza, u eżempji oħrajn ta' polarizzazzjoni. U kull taqbida, żgħira jew kbira, sabiex forsi minnha joħroġ, jitwieled, il-ġdid, isseħħ qalb il-ħitan kemm dawk fiżiċi u reali u kemm dawk psikiċi, morali psikoloġiċi, politiċi u reliġjużi.

L-ewwel ħjiel ta' tfaqqis/twelid ġdid ma ddumx ma tagħtihulna dik l-imħabba li hemm bejn Ester u Albert, kważi f'dak l-istess waqt li f'Rakele għaddejja taqbida jew konflitt ta' taħbila sħiħa ta' emozzjonijiet kontra l-istess xenqa tagħha għall-verità. Mat-tajjeb hemm il-ħażin, għax mal-ħsus u n-nebhiet pożittivi hemm magħġunin il-mibegħda u l-fakra mwiegħra tan-Nannu, kif ukoll il-ġibda perversa lejn in-Nażi min-naħa ta' Richard – għal-kemm din ta' Richard mhi xejn ħlief karikatura, u kif kiteb Oscar Wilde: *"Caricature is the tribute that mediocrity pays to genius"*, ħallih il-fatt li l-ġenju Nażista kien ta' xeħta għal kollox imxajtna!

Barra minn hekk, hemm l-imgħoddi li ġmielu jħuf wara l-issa u jagħfas fuqu. Bħalma ġol *foetus* hemm il kromożoni u l-*genes* tal-omm, tal-missier u ta' min jaf kemm-il antenat, f'dak ta' *Ħitan* hemm ir-realtà u t-trawma tal-kampijiet tal-konċentrament f'moħħ in-Nannu, u minħabba fih, f'moħħ l-oħrajn ukoll: kampijiet li fil-moħħ ta' dawn in-nies qishom għadhom jeżistu, bħallikieku l-opinjoni pubblika dinjija ma qerdithomx u difnithom darba għal dejjem.



**Priġunieri Lhud iħaffru qabarhom stess qabel jiffuċillawhom.**

**•jissokta f'ħarġa oħra**

# IL-PERSONALITÀ TA' DUN KARM*(1)

MINN PAUL XUEREB

*Minn *Il-Polz* (Settembru/Diċembru 1970, pp. 3–8.



Fir-ritratt (lemin): impressjoni artistika ta' Psaila mill-pittur Luciano Micallef (1976).

FTIT snin ilu l-*Moviment Qawmien Letterarju* organizza lejla ta' qari mil-letteratura Maltija, iżda fl-aħħar minuta kellu jħalli barra biċċtejn li ma kenux appruvawhom il-membri tal-Kumitat tal-Manoel. Waħda mill-biċċtejn ipprojbiti kienet *"Lil Malta (b'apoloġija lil Dun Karm)"*, poeżija satirika ta' Mario Azzopardi miktuba bi tweġiba għal *"Il-Għanja tar-Rebħa"* ta' Dun Karm, poeżija li fiha Azzopardi jikteb, "iżda f'ilsienek m'għandix għax ngħanni eżaltat" u jerġa', "għax l-eċċentriċi li ġew qabilna kienu jiskru bis-sentimentaliżmu." Għat-tifħir li Dun Karm jagħti lil Malta rebbieħa kontra t-Torok, Azzopardi jlumi meta jfakkar fis-sidien barranin li kull meta kienu nqdew b'Malta telquna "fl-art bħal sulfarina maħruqa".

Wieħed m'għandux forsi jistagħġeb, għalkemm ma jistax ma jitmasħanx, li dil-poeżija ġiet iċċensurata. Fiha l-akbar sur artistiku li nbena biex jiddefendi lill-valuri ortodossi politiċi u reliġjużi ġo pajjiżna kien qed jiġi attakkat, u dan l-attakk ma setax jitħalla li jsir ġo monument ieħor ta' dawk il-valuri. Minn dak in-nhar 'il hawn aktar minn qabel Dun Karm sar is-simbolu tal-istrutturi soċjali u kulturali, kif ukoll tal-ideali artistiċi, li l-awturi żgħażagħ tal-lum iridu jaqilbu, u l-konflitt bejn l-ispirtu ta' dal-poeta u dawn iż-żgħażagħ pinġieh b'mod umoristiku, iżda b'elementi qawwijin ta' tmaqdir, Frans Sammut fl-att uniku *"Meta miet il-Poeta"*, li ġie maħdum aktar kmieni din is-sena.

Għalhekk, ladarba l-figura ta' Dun Karm għadha u tibqa' figura letterarja ta' l-ewwel kategorija fl-istorja tagħna, u ladarba wkoll għad għandha influwenza qawwija, għalkemm l-aktar f'sens negattiv, fuq l-iżvilupp tal-poeżija Malta ta' żmienna, deherli li wasal il-waqt li l-istudjużi tal-letteratura tagħna jiflu bir-reqqa l-personalità ta' dan il-poeta kif tidher fix-xogħlijiet tiegħu. Dak li nixtieq nagħmel jien hawn hu li nagħti bidu għal dan l-istudju, li nibni biss is-sisien. Naturalment jien m'iniex ser nipprova nagħti studju bijografiku, għalkemm forsi xi darba nista' nipprova nsaħħaħ argument b'riferenza għal dak li nafu fuq il-ħajja ta' Dun Karm, għax id-Dun Karm li saħħar ġenerazzjoni waħda ta' poeti u li issa qed jantagonizza ġenerazzjoni oħra huwa d-Dun Karm li baqa' jgħix fil-poeżija li kiteb.

Kieku kelli nwieġeb fil-qosor għall-mistoqsija, "X'inhu li l-aktar jolqtok fil-personalità poetika ta' Dun Karm?" it-tweġiba tiegħi tkun: moħħ ċar, dixxiplinat; qalb mhix nieqsa mis-sentimenti u xi drabi wkoll mill-emozzjonijiet qawwija, iżda dejjem ikkontrollata mill-moħħ. Dun Karm huwa l-poeta klassiku per eċċellenza: it-tifkiriet, l-emozzjonijiet dejjem jew kważi jridu jgħaddu minn ġol filtri tal intellett u tad-dixxiplina stilistika qabel jidhru quddiem il-qarrej, jew kif darba kiteb J.P. Vassallo, "il-poeżija fih kienet titnissel bil-passjoni u tikber bħal tarbija qabel ma tara d-dawl tal-ġurnata". U għalhekk, b'xi eċċezzjonijiet bħalma hi l-poeżija *"Rmied"*, li, fil-fehma tiegħi, qatt ma ngħatat l-importanza li jistħoqqilha, min jaqra l-poeżiji ta' Dun Karm jibqa' b'impressjoni ta' personalità msejsa fuq iċ-ċertezza dwar il-qofol tal-ħajja, ċertezza li tingħata enfasi mill-eleganza, il-kważi perfezzjoni tal-vokabularju u tal-metrika, u mill-mod inevitabbli kif kważi kull poeżija tintemm.

Ukoll jekk tieħu poeżija bħal *"Il-'Jien' u Lilhinn Minnu"*, fejn il-poeta jitkellem fuq il-konflitt bejn il-fidi u x-xettiċiżmu, wieħed ma tantx ikollu dubju li fi tmiem il-poeżija ir-rebħa sejra tkun tat-twemmin ortodoss; lanqas biss tgħaddi minn moħħ il-qarrej li l-poeta ser jispiċċa jiddikjara lilu nnifsu ateu. Bħalma fis-sinfoniji ta' Beethoven meta nisimgħu l-irwiefen nafu fi żgur li bla dubju dawn ser jgħibu u flokhom jiġu l-kalma u s-sliem, hekk ukoll fil-poeżiji ta' Dun Karm. Hemm iżda differenza waħda. Filwaqt li Beethoven iħobb mhux darba tnejn iħaxxen leħnu u juża l-forzi orkestrali kollha, Dun Karm le. Ukoll jekk ikun imdagħdagħ, qatt ma nsibu splużjonijiet fil-versi tiegħu, għax ir-rabja tiegħu hi dejjem kontrollata.





**Il-bust ta' Dun Karm fil-Librerija Nazzjonali, il-Belt (fuq), u paġna minn manuskritt ta' Dun Karm fuq il-ħajja bikrija tiegħu (isfel).**

L-aktar li jista' jasal għas-*"saeva indignatio"* hu fil-versi ta' *"Lil Malta ta' LLum u Għada"*:

*isma' minni, tersaqx bit-tifħir f'fommok,*
*bir-rand f'idejk quddiem il-Monument;*
*jien ngħidhulek: Gidba sar tifħirek,*
*u gidba l-Monument;*

Għal darba m'għandniex biss "emotion recollected in tranquillity". Ir-rabja hi aktar friska, u l-ispontanjetà l-poeta qed iqisha bħala aktar importanti mill-perfezzjoni formali, tant li r-rima bejn it-tieni u t-tielet versi hi magħmula mill-istess kelma: "monument". Aktar rażan, Dun Karm aktar tipiku, narawh f'dawn il-versi mill-istess poeżija: "int kollox niġġist, djar u triqat/sa tis-satra tal-Knisja ddaħħal miegħek/ il-kesħa tal-frugħat." Versi mimlijin, sodi, iżda taħthom ma nħossux l-impetu emozzjonali li nħossu fil-kwartina li kkwotajt ftit ilu.

Naturalment biex poeta joħloq id-dehra ta' emozzjoni qawwija meta l-impetu tagħha jkun ilu li għadda minn ġo fih, jeħtieġ li jkollu sengħa kbira fl-użu tal-kliem, tal-figuri rettoriċi u fil-bini tal-vrus. U x-xogħol tiegħu m'hu xejn ħlief monument friġidu neo-klassiku f'ġieħ l-Ortodoss iżda drabi oħra jittrax-xendi s-sengħa sempliċi. Wieħed mill-isbaħ eżempji ta' kif permezz tar-rettorika, b'mezzi purament artifiċjali, jirnexxilu joħloq effett ta' sinċerità jinsab f'din is-silta minn *Il-'Jien' u Lilhinn Minnu*

'Emmen!' qalu s-Smewwiet fil-kobor tagħhom
u firxu quddiem ħarsti, f'lejla ta' safa,
bħal xmara twila tal-ħalib, bħal sħaba
ta' trab tal-fidda u magħha u ġewwa fiha
tleblib ta' kwiekeb, dawl ta' xmux u ġiri
ta' kometi maħruba u ħarsa kwieta
ta' pjaneti u ta' qmura. 'Emmen! Emmen!'
tenniet l-Art, u bħal omm li tieħu 'l binha
ġo ħoġorha u bis-sabar ta' l-imħabba
tgħallmu ta' ktieb miftuħ il-ħżuż mitbugħa
u mill-ħżuż il-fehmiet ta' min kitibhom,
firxet quddiemi l-ġmiel li bħal sultana
ilibbisha u jagħniha. 'Emmen! Emmen!'
għajjat b'leħen ta' ragħda l-baħar wiesa'
u gerbeb fuq ix-xtut il-ħalel bojod
bir-ragħwa tad-dagħdiegħa: 'Emmen! Emmen!'
tennieli, u rajtu, f'nofs in-nhar, imħeġġeġ
jidħak id-daħka safja ta' l-Imħabba.

Studju wkoll fuq fuq ta' din is-silta għandu juri kemm hu miktub bir-reqqa, kemm ma fihx spontanjetà, iżda b'danakollu l-effett totali fuq min ikun qed jaqrah hu ta' entużjażmu universali. Għal Dun Karm ix-xogħol tal-poeta hu għoli wisq, nobbli wisq, biex jitħalla biss fuq il-livell tal-liriċiżmu pur. *F'Dell u Dija* jidher ċar li għalih il-poeta għandu mill-profeta, huwa bniedem li jara fil-fond tal-ħwejjeġ ta' din id-dinja, u li l-poeżija hi għodda li biha wieħed jista' jersaq eqreb lejn Alla. "Mhux minn jeddu l-Poeta jgħanni", jikteb Dun Karm, u jiddiskrivi lilu nnifsu bħala "l-Imsaħħar". Bħal xi poeti Romantiċi tas-seklu l-ieħor, huwa jidher li ħa l-karriera poetika tiegħu b'serjetà mill-akbar, b'serjetà li forsi aħna ta' llum insibuha tirrita. *F'Non Omnis Moriar*, poeżija tal-ogħla dinjità li tqanqlek bil-qawwa ta' xewqet Dun Karm għall-immortalità wkoll f'din id-dinja, insibu wkoll din iċ-ċertezza tal-poeta fuq il-valur kbir tiegħu nnifsu u fuq ir-relazzjoni tiegħu m'Alla:

Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa
jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,
hekk il-poeta jgħanni,
meta tmissu l-id t'Alla.

Forsi kienet ħaġa naturali li qassis jara l-kitba poetika tiegħu bħala forma oħra ta' tifħir lil Alla, iżda jibqa' s-suspett li kellu tendenza jkabbar l-importanza tal-poeti in ġenerali u tiegħu nnifsu partikolarment.

Dan is-suspett jissaħħaħ jekk wieħed iħares lejn poeżija oħra li fiha Dun Karm juri l-ħsibijiet tiegħu dwar il-pożizzjoni tiegħu fl-iżvilupp poetiku tal-Malti, u din hi *Lill-Muża.* Hawn naraw, mgħottija minn velu rqiq ta' patrijottiżmu, xi ħaġa li tixbah ferm lis-suppervja: "hawn miet, f'idejja/min lill-barranin kien jaħasra jbigħek." Iżda wieħed forsi jista' jagħder das-sentiment meta jkun jaf kemm kienet kbira l-imħabba tal-poeta għall-Malti, u fil-versi li jiġu wara dawk li kkwotajt jien huwa jħoss moħħu mistrieħ għax dak li beda hu ser jitkompla minn poeti żgħażagħ li seta' jafda fihom. B'danakollu Ġużè Cardona fit-teżi tiegħu fuq il-bijografija ta' Dun Karm jikkwota lill-Prof. Aquilina li qallu kif Dun Karm u P.P. Saydon ma ħadux gost meta l-professur ried jinkludi poeti żgħażagħ fl-antoloġija *Ward ta' Qari Malti.*

Dun Karm, b'din l-idea li kellu tal-funzjoni poetika, ma setax jonqos li jidħol għall-ġlied politiku u reliġjuż ta' żmienu. U hawn naraw li għalkemm fir-reliġjon dejjem baqa' ortodoss mija fil-mija, fil-politika, jew għallinqas fil-kwistjoni dominanti tal-politika Maltija bejn iż-żewġ gwerer mondjali, huwa mar kontra l-fehmiet tal-klassi intellettwali li kien membru tagħha, u poġġa ruħu mad-difensuri attivi tal-ilsien Malti, u tal-identità tal-Maltin bħala nazzjon. Fis-sunett magħruf *Il-Bandiera Maltija* juri l-patrijottiżmu tiegħu bla tlaqliq:

Hekk, bajda u ħamra biss; kull lewn barrani,
Li jitħallat ma' lwienek, ikun blu,
Jew ikun aħdar, iħassarlek ismek,
Mhux ismek biss jitħassar, iżda ġismek ...

Iżda Dun Karm ma kienx insulari, ma kienx nazzjonalist agħma bħal xi wħud ta' żmienu u bħal oħrajn ta' żmienna. L-aqwa prova ta' dan hija l-poeżija famuża tiegħu, *Għaliex!*:

Għaliex immela tiċħad, Malti hija,
Lil dan l-Ilsien li bih int Malti sewwa?
Ħobb, jekk jiswewlek, l-Ilsna barranija,
iżda le tbarri lil min hu ta' ġewwa.

Ma nistax nimmaġina appell patrijottiku aktar moderat u bilanċjat minn dan, frott ta' patrijottiżmu msejjes mhux fuq il mibegħda tal-oħrajn iżda fuq l-imħabba ta' dak li hu tagħna.

Lil Dun Karm bħala poeta-patrijott narawh f'żewġ burdati differenti, kuntrastanti, fil-poeżiji tiegħu, għax Dun Karm, ta' artista, kien jikteb dak li kien jissuġġerilu l-mument, ukoll jekk dan seta' jkun mhux konsistenti ma' kitba oħra tiegħu tal-imgħoddi. Id-Dun Karm

mogħmi wara art twelidu u lest igħabbi l-aġġettivi kollha ta' tifħir, huwa d-Dun Karm li ma jdoqqx lil Mario Azzopardi u lil ħafna min-nies ta' żmienna. Kif għedna fil-bidu, *Il-Għanja tar-Rebħa* hi forsi l-aqwa eżempju ta' dan l-atteġġjament nieqes minn kull spirtu ta' kritika. Fis-sunett *Lil Malta* Dun Karm imur f'estremi akbar ta' tifħir, u jfakkarna ħafna f'dawk ħutna li għalihom Malta hi tassew "fior del mondo":

Daqsek lil ħadd: għaliex jekk inti żgħira,
setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

F'dawn il-poeżiji, u f'oħrajn li huma tassew fqar ukoll mill-angolu letterarju, bħall-poeżija friġida – poeżija ta' *poet laureate* – *E-Boats* – Dun Karm hu maħkum minn sentimenti li jdallmu r-raġuni, jew inkella qed jikteb fil-libsa tiegħu uffiċċjali.

Iżda drabi oħra, imħabbtu turi ruħha fil-mod oppost – rabja jew diqa kbira għad-deġenerazzjoni morali li jara f'pajjiżu. Ġa kkwotajtilkom xi versi minn *Lil Malta ta' Llum u Għada*, fejn l-għajta tiegħu "Gidba l-Monument" setgħet ħarġet minn griżmejn Victor Fenech jew poeta ieħor ta' żmienna. Fis-sunett lil Dun Mikiel Xerri jikkundanna l-ingratitudni ta' pajjiżu lin-nies kbar tiegħu, u f'sunett ieħor, *Fis-7 ta' Mejju 1941*, jitkellem fuq il-gwerra bħala kastig għall-bruda spiritwali ta' Malta, u jgħid bi tnehida, "U ħsiebna ntilef wara ġid għaddieni." U jerġa' jixli lil Malta fil-poeżija *Progress*, fejn l-elenku li jagħmel tad-diżonestà fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija huwa bħat-tokki tal-mota. Biex nagħmel parentesi ċkejkna, f'dil-poeżija Dun Karm, magħruf bħala l-akbar mgħallem li qatt kellna ta' lsienna, ma beżax jagħmel dak li poeti bħal Mario Azzopardi huma hekk spiss ikkritikati li jagħmlu u uża kelma Ingliża li daħlet fil-Malti: "fil-business, fil-pulitka/Gideb, tnassis bla qies..."

Il-qassis u l-patrijott nsibuhom mwaħħdin b'mod interessanti f'uħud mill-poeżiji, bħalma huwa s-sunett *Talba għax-Xita*. Hawn naraw fil-poeta dik l-illużjoni hekk komuni fostna li Malta hi xi ħaġa speċjali fid-dinja, li tokkupa xi post partikolari fil-pjan tal-providenza t'Alla:

Mulejja, ħniena minn dil-gżira tagħna!
Inti li ħtartha bħala bintek kmieni,
Int li ta' mħabbtek tajtha l-jedd ewlieni,
Tħallihiex tmut bil-għatx, Mulejja,
ismagħna.

U f'sunett ieħor, *Il-X ta' Frar*, insibuh kważi jlum lil San Pawl talli mhux qed jieħu ħsieb biżżejjed ta' Malta:

Aqbad it-tmun; ħaddem l-egħruq ta'
drieghek;
int mexxi d-dgħajsa; inti ħiltek kbira...
u taf, żmien ilu, kemm waqafna miegħek.

F'dawn il-ħsibijiet Dun Karm qed jesprimi, kif spiss jagħmel fuq ħafna ħwejjeġ, il-ħsibijiet li t-tradizzjoni u l-opinjoni ta' ħafna ġenerazzjonijiet jew inkella ta' l-awtorità tal-Knisja qiesu bħala l-verità. Difatti l-aktar poeżiji deprimenti li huwa kiteb huma dawk il-ħafna poeżiji ta' devozzjoni jew fuq suġġett reliġjuż illi jaslu dejjem fejn għandhom jaslu, li rari jissorprenduk. Ukoll poeżiji li Aquilina ġabar fl-Antoloġija Dunkarmjana, bħal *Lill-Madonna ta' Lourdes* u *B'danakollu*, u ma ssibilhom xejn ħlief il-klixejiet tal-ħsieb reliġjuż. Jiena ma nafx kemm Dun Karm kien studjuż tat-teoloġija, iżda jkolli ngħid li ma kienx wisq. Ma naħsibx li, jekk tneħħi xi poeżiji bħal *Bjuda* u *Żjara lil Ġesù*, Dun Karm ser jibqa' jinqara l-aktar bħala poeta reliġjuż, għax la għandu t-taqbid ġenwin ġewwa fih, u lanqas il-fantasija komplikata li toħloq l-akbar poeżija reliġjuża. Hu ta' min jinnota wkoll li l-aħjar poeżiji reliġjużi tiegħu huma dawk li fihom jidħol xi element mhux reliġjuż. *Żjara lil Ġesù* tinteressana minħabba n-nostalġija ta' Dun Karm għal tfulitu u l-imħabba għadha ħajja għall-mejta ommu; *Il-Monument* tibqgħalna fil-memorja minħabba l-interpretazzjoni hekk penetranti tal-istatwa ta' Sciortino u mhux għall-banalitajiet dwar mużika ċelesti li jidhirlu li qed jisma' waqt il-Kungress Ewkaristiku.



**Dun Karm fi xjuħitu**

Hekk ukoll, *Int Alla ħanin* tirnexxi minħabba s-sempliċità kbira tagħha, li tfakkarna fit-taqbiliet tat-tfal. Din il-poeżija forsi hi l-aħjar xhieda dwar in-nuqqas ta' sofistikazzjoni teoloġika ta' Dun Karm, li għalih ir-reliġjon dejjem baqgħet essenzjalment emozzjonali, ukoll fil-poeżiji fejn xtaq ikun filosofiku, bħal *Il-'Jien' u Lilhinn Minnu*. Dan hu bla dubju l-ispirtu reliġjuż tradizzjonali ta' pajjiżna, l-ispirtu li żamm ir-reliġjon qawwija f'pajjiżna għal tant sekli, u naħseb li għalhekk fl-imgħoddi l-poeżija reliġjuża ta' Dun Karm ingħatat importanza ferm akbar milli jistħoqqilha.

Dun Karm kien wieħed minn sensiela ta' qassisin letterati u eruditi li Malta pproduċiet bejn is-sekli 17 u 20, qassisin li ta' spiss kienu jagħmew wara l-kitba u l-istudju u spiss jinsew il-missjoni qaddisa tagħhom. Dun Karm igħidu li kien qassis tajjeb, iżda minn dak li jidher naħseb li l-interessi lajċi tiegħu kienu akbar minn dawk reliġjużi, għalkemm wieħed irid iżid li spiss kien jinqeda bil-letteratura biex jilħaq l-iskopijiet pastorali tiegħu. Ħaġa tidher probabbli; li hu nnifsu ma kienx dejjem sodisfatt bil-ħajja tiegħu saċerdotali. Dan jidher, per eżempju, f'*Missjunarju*, poeżija li fiha qatt ma jsemmi lilu nnifsu, iżda li fiha donnu qed jiġbed paragun impliċitu miegħu nnifsu. Dana naraħ l-aktar fl-aħħar versi, fejn Dun Karm jistħajjel li l-missjunarju Malti qed jitkellem bejnu u bejn ruħu:

O dar sabiħa fejn għaddew bħal ħolma
l-ewwel snin ta' tfuliti;
O dar imwennsa
b'ilħna li jien tgħallimt sa mill-benniena
nagħżel wieħed mill-ieħor;
gżira xemxija,
li bħal ġilju tal-ilma
qatt ma ninsiekom
u għadha f'qalbi l-ħlewwa tagħkom; iżda
ma nibdilkomx ma' din id-dwejra tiegħi,
għax intom ma tafux tagħtuni bħalha
l-hena tas-sema.

Jekk meta kiteb dawn il-versi Dun Karm ma ħasebx fih innifsu, fil-kumdità ta' daru u tal-qaqoċċa letterarja tiegħu, kien bil-ħosta anqas sensittiv milli naħseb jien.

Iżda għalkemm forsi fil-ħajja letterarja Dun Karm ma kienx dejjem nieqes mis-suppervja, naħseb li fir-rapporti tiegħu m'Alla kellu umiltà kbira. Hekk għal-lanqas jidher minn ħafna mill-poeżiji tiegħu. Fi tnejn minnhom, per eżempju, li huma *Dan Min Hu?* u *Lampa Ċkejkna* narawh jiftakar fil-kliem ta' Kristu li biex wieħed isalva jrid isir bħat-tfal iż-żgħar.

Inti, kbir fiċ-ċokon tiegħek,
ma tidherx ħlief liċ-ċkejknin,
u tistaħba ġewwa sħaba
għall-għajnejn ta' l-imkabbrin,

jikteb *f'Dan Min Hu?* Dan il-prinċipju kbir li n-Nisrani jeħtieġ li jxejjen lilu nnifsu quddiem Alla Dun Karm jidher li fehmu tajjeb, u għalkemm kburi missuċċess li kiseb bħala poeta, qatt ma wasal biex inaqqas mill-kobor tas-setgħa u l-għerf ta' Alla. Difatti, f'żewġ poeżiji huwa jasal biex jagħmel paragun dirett bejn l-arti u xogħol Alla kif jidher filħolqien, u d-darbtejn juri kważi mistħija meta jara kif il-qawwa kreattiva t'Alla u l-ġmiel tal-ħolqien jisbqu bil-bosta wkoll l-isbaħ xogħlijiet artistiċi tal-bniedem.

Naturalment, Dun Karm kien iħares lejn l-arti kif kienu jħarsu lejha l-klassiċi u ħafna awturi oħra ta' l-imgħoddi, jiġifieri bħala imitazzjoni tan-natura. Dana narawh l-aktar ċar *f'Alla Mhux Hekk*, fejn il-kuntrast huwa bejn kwadru li juri pajsaġġ u l-pajsaġġ innifsu. Lillpittur jimmaġinah jisraq "il-lwien millwarda, mill-vjola, mil-lelluxa"; l-iskop tiegħu hu biss li joħloq l-illużjoni talħajja li ra fil-pajsaġġ ta' quddiemu. Iżda Dun Karm, wara li hu stess ipinġilna ta' mgħallem tassew, għalkemm bil-kliem u mhux biż-żebgħa, pajsaġġ, ikompli biex igħid, b'ton li fih insibu mħalltin il-mogħdrija u d-disprezz:

Oh kemm hu ċkejken
il-kobor tal-bnedmin, u kemm hi fqira
is-sengħa ta' min jaf iħalli ħsiebu
maħżuż fuq xiber xkora.

U jispiċċa bil-kliem mimli għaġeb u qima:

Alla mhux hekk: min dawk l-egħġubijiet
jagħmel mija kuljum u mija jħassar.

Hekk ukoll, *f'Ward* juri umiltà quddiem id-dehra ta' bukkett ward: "Deh! kif titfi quddiemek/il-għanja ħarxa li toħroġ minn fommna", u jaqbel sabiħ ferm il-vers tiegħu ma' "weraq niexef imxerrda 'l hawn u 'l hinn filkotba morda." Din hija umiltà li wieħed jieħu gost jaraha mhux biss fin-Nisrani iżda wkoll fl-artist; iżda wieħed jista' wkoll jikkummenta li Dun Karm forsi ma kienx jagħmel dawn il-paraguni diretti tal-arti man-natura kieku ra l-arti bħala attività tal-bniedem indipendenti għallaħħar mill-imitazzjoni tan-natura, kieku rrealizza li l-bniedem – li hu nnifsu meta kiteb l-poeżiji tiegħu, inklużi dawk deskrittivi – ma jippruvax jerġa' joħloq in-natura, iżda xi ħaġa konxjament artifiċjali li tagħti pjaċir bl-istess artifiċjalità tagħha. Iżda dan mhux il-post li wieħed jidħol f'kwistjonijiet ta' filosofija tal-arti.

Għal Dun Karm, qassis u Nisrani, l-imħabba kienet tfisser, fit-teorija għall-anqas, fuq kollox l-imħabba ta' Alla; tant hu hekk li *f'Il-Għanja ta' l-Imħabba* hu jibki l-fatt li mill-ħolqien kollu huwa l-bniedem biss, li jaf x'inhi l-Imħabba, jiġifieri l-personifikazzjoni ta' l-Imħabba, li ma ħabbhiex. Iżda bħallbiċċa l-kbira tal-bnedmin Dun Karm, minkejja dak kollu li ddikjara, naħseb li l-aktar li ħabb kienu bnedmin oħra, u l-aktar lil ommu. It-tifkira t'ommu titla' u terġa' titla' fil-wiċċ fil-poeżiji tiegħu. Il-kwadru ta' tfulitu bħala ż-żmien imdieheb ta' ħajtu li nsibu fi *Żjara lil Ġesù* hu dominat minn ommu:

imma fik l-aktar, j'omm, li għalkemm
xwejħa
ta' tmenin sena, bqajt sa l-aħħar siegħa
sabiħa bħalma kont fl-aħjar minn
tiegħek ... u taħt l-art ħanina
fit-tgħanniqa tal-mewt xtaqt norqod
miegħek.

L-aħħar immaġni tista' ġġiegħel li wħud jobsru li kien hemm xi ħaġa morbuża f'din it-tifkira li Dun Karm kellu talimħabba t'ommu, iżda forsi wieħed m'għandux jaqbeż għal konklużjonijiet hekk malajr. Mill-banda l-oħra, din ir-rabta qawwija ma' din it-tifkira turi forsi li Dun Karm kien qed jikkumpensa għaċ-ċaħda li hu għamel għall-imħabba tan-nisa meta sar saċerdot billi fl-istħajjil tiegħu kabbar il-ġmiel u l-imħabba t'ommu.

Wieħed ma jistax ma jasalx għal din il-konklużjoni meta jara din il-ħerqa filpoeta tant u tant snin wara li ommu kienet mietet, f'versi bħal dawn minn *Waħdi*, poeżija fejn il-poeta jħossu iżolat mill-imħabba tal-bnedmin:

Omm! ... xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem;
Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm
Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,
Omm, il-kelma li trażżan id-demm.

Għalija jfisser ħafna l-fatt li fi *Il-'Jien' u Lilhinn Minnu* l-uniku passaġġ li fih il-poeta tħossu impenjat emozzjonalment huwa dak fejn jitkellem fuq il-mewt t'ommu.



Il-mewt u l-imħabba huma marbutin flimkien f'dawk il-poeżiji li fihom Dun Karm jitħaddet dwar Ġannina Pisani, u l-aktar fiż-żewġ sunetti li kiteb wara li Ġannina mietet. Jiena miniex ser nidħol fil-kwistjoni tan-natura tar-rabta emozzjonali bejn Dun Karm u Ġannina Pisani, għaliex fin-nuqqas ta' fatti sodi hija ħaġa odjuża li wieħed joqgħod jistħajjel. Biss, ħaġa ċara, kemm millpoeżiji ta' Dun Karm, kemm minn tagħrif li jagħti Ġużè Cardona fit-teżi tiegħu, li Ġannina Pisani, li għexet sittax-il sena f'dar il-poeta, kienet għażiża għal Dun Karm. Kienet il-mara waħdanija, minbarra ommu, li Dun Karm kitbilha vrus ta' affezzjoni, u bħal ommu meta mietet nisslet niket ġo qalbu, niket li sab xi ftit sfog fil-kitba tal-poeżija.

Iżda ż-żewġ sunetti lil Ġannina Pisani m'għandhomx x'jaqsmu, f'dik illi hi kwalità letterarja, mal-versi li minn żmien għall-ieħor nebbhet ommu. Dawn is-sunetti għandhom rażan li jasal biex ikessħek, rażan li jġiegħlek taħseb li dwar dan is-suġġett Dun Karm baża' jitlaq ir-riedni minn fuqu nnifsu. Xi ħjiel tas-swied il-qalb li ħass jagħtuhulna xi versi bħat-terzina li tibda, "Xejn iżjed ma jifdik min-nagħsa tqila", fl-ewwel sunett, għalkemm imbagħad l-aħħar terzina, li fiha t-tama konvenzjonali talqawmien mill-imwiet, terġa' tmur għallformalità. Aktar personali hija terzina fittieni sunett, li fiha t-tama vaga talqawmien issa tieħu l-forma konkreta ta' eternità li fiha Dun Karm u Ġannina jkunu jistgħu jirriproduċu l-hena li sabu f'din l-art:

Għad nerġgħu bħalma konna ġewwa
darna,
henjin f'Dar il-Missier li jħobb 'l uliedu,
Mal-Ħbieb li fit-tiġrib kienu madwarna.

Dal-ħsieb huwa jirripetih fin-nota li hu kiteb għaż-żewġ sunetti, fejn fost ħwejjeġ oħra jgħid: "Għalija t-Tama li għad naraha fil-Hena ta' dejjem". Din hija nota importanti għax fiha, għallanqas jekk wieħed ma jaċċettax l-ipotesi kerha li Dun Karm hawn qiegħed biss jixħet il-bżar fil-għajnejn, naraw li r-rapporti bejnu u bejn Ġannina setgħu kienu intimi bla ma kellhom element sesswali. Ġannina kienet, fi kliem Dun Karm, "tagħder u tfarraġ, tqawwi l-qalb u twissi skond il-ħabtiet li magħhom ftit jew wisq titbiddel ix-xejra tal-moħħ u t-taħbita tal-qalb tal-bniedem." Forsi għal Dun Karm Ġannina kienet biss suċċessura tal-omm li kienet tant fissret għalih.

**•jissokta f'ħarġa oħra**

**Disinn ta' Mario Vella li deher l-ewwel darba fil-faċċata ta' *Il-polz* (1971).**



## TABERNAKLI TA' MARIO AZZOPARDI

# POETA FI TLIET BURDATI

MINN JOE FRIGGIERI

Jekk il-kittieba kollha huma, f'ċertu sens, awtobijografiċi, mhux kollha jinteressahom iperrċu ruħhom bl-istess grad ta' għera. Wieħed minn dawk li ma jżommu xejn lura huwa Mario Azzopardi, poeta fost l-aħjar tal-ġenerazzjoni ta' wara l-Indipendenza u wkoll l-aktar wieħed prolifiku.

Min jaf lil Azzopardi bħala bniedem jista' jara ħajtu riflessa, kważi mpinġija, f'dik li kiteb, stadju wara stadju, taqliba wara taqliba, bidla wara l-oħra. U minħabba li anki mil-lat purament bijografiku l-ħajja tal-poeta ma kenitx xi waħda lixxa, ma setax jonqos li anki stilistikament il-prodott letterarju jiżviluppa, jinbidel, igħaddi huwa wkoll minn fażijiet kuntrastanti, mill-protesta għall-ironija, mill-ironija għar-riflessjoni, mir-riflessjoni għall-mistiċiżmu u l-lirika pura.

Madankollu ma rridux ngħaġġlu nikklassifikaw. Għax meta tikklassifika tkun tabilfors qed tissimplifika, u simplifikazzjoni, għalkemm tgħinek tifhem, tista' f'xi waqtiet twasslek għall-falsifikazzjoni, billi ma tħallikx tara aspetti importanti tal-prodott artistiku.

Hekk ngħidu aħna, għalkemm m'hemmx dubju li stilistikament *Tabernakli* jappartjeni għall-fażi meditattiva matura tal-poeta, li tikkuntrasta mal-ġestikulazzjoni bla rażan tax-xogħlijiet bikrin, ċerta tematika, ċerta viżjoni tal-ħajja, baqgħet l-istess. U mhux faċli tagħmel ġustizzja lix-xogħol aħħari bla ma tipprova tifli bir-reqqa kull biċċa tal-mużajk.

### TLIET PARTIJIET

Ibda biex, il ġabra nqasmet fi tliet partijiet, *Mantra, Mugħanni*, u *Azazel*. Mhux b'kapriċċ, anzi għal raġunijiet tematiċi pjuttost ovvji. Fl-ewwel parti, *Mantra*, għandek issib, minbarra l-preokkupazzjoni dwar Alla u r-relazzjoni tiegħu mad-dinja u l-bniedem, impressjonijiet poetiċi (u mhux sempliċiment turistiċi) dwar għadd ta' bliet barranin li żar il-poeta: Praga, Budapest, Belgrad, Hamburg. Huwa f'din it-taqsima li l-poeta jistaqsi l-mistoqsijiet metafiżiċi ewlenin, u juri li sar midħla sewwa ma' l-elementi mistiċi tar-reliġjonijiet il-kbar, l-aktar (f'din it-taqsima) tar-reliġjonijiet orjentali; imma mhux biss, għax minbarra għall-Buddiżmu, l-Induwiżmu u t-Tao, f'din l-ewwel taqsima hemm ukoll referenzi għall-mitoloġija klassika (*Alla ċ-Ċawlun*) u għall-mitoloġija bibblika (*Luċifru, Ruħ tiegħi sfajra*). Għażla eklettika ta' elementi mistiċi li l-poeta jużahom għal skopijiet poetiċi.

Biss, għalkemm f'*Tao Te Cing* il-poeta jistqarr li m'għandux "alla fiss", u li l-fatt li tgħammed nisrani kien purament inċidentali, madankollu, meta l-poeta jimpenja ruħu soċjalment u moralment favur niesu, meta jidentifika ruħu magħhom u jitkellem f'isimhom, l-Alla li jimplora hu l-Mulej. Alla tal-profeti, Alla persuna ħajja (ara tmiem *Tao Te Cing* u l-aħħar versi ta' *Dar-raġel b'sieq waħda*). U hekk irid ikun loġikament, għax ir-reliġjonijiet semitiċi li ħarġu mill-Palestina (il-Ġudaiżmu, il-Kristjaneżmu, l-Islam), jikkuntrastaw mar-reliġjonijiet orjentali appuntu f'dan: Alla jkellem lil niesu permezz tal-profeti; il-profeta huwa dak li jitkellem f'isem Alla u f'isem il-poplu. Dan il-kunċett, li huwa fundamentali fir-reliġjonijiet semitiċi, huwa nieqes fir-reliġjonijiet orjentali. Fil-fatt meta niġu fit-tielet taqsima tal-ktieb (*Azazel*), it-taqsima fejn jinħass l-aktar l-impenn politiku u soċjali tal-poeta, il-metafori dominanti jittieħdu kollha mill-Bibbja (rakkont u ritwal).

### L-ELEMENTI TAR-RELIĠJON

Fid-daħla tal-ktieb *The Mystical Element in Religion*, F. von Hugel jiddistingwi tliet elementi f'kull reliġjon: l-element intellettwali (mit, domma, twemmin, teoloġija); l-element istituzzjonali jew soċjali (riti, struttura, organizzazzjoni); u l-element mistiku (esperjenzi speċifiċi u prattiċi axxetiċi).

Nistgħu ngħidu li Azzopardi jissellef għall-iskopijiet tiegħu mit-tliet kategoriji. Minn ta' l-ewwel jieħu l-mit (għalkemm mhux domma); minn tat-tieni jieħu r-rit (għalkemm mhux l-organizzazzjoni); minn tat-tielet jieħu sija l-esperjenza tipikament reliġjuża ('fascinans et tremendum', skond id-definizzjoni famuża ta' Rudolph Otto f'*The Holy*), sija l-mottiv penitenzjali li huwa kostanti fil-ġabra kollha, u li huwa enfasizzat b'mod speċjali fit-tielet taqsima.



## LIVELL A

Miniex ngħid li b'daqshekk f'Azzopardi hemm integrazzjoni bilanċjata ta' dawn l-elementi. Huwa ċar li għalih aktar jappella l-ġest ritwali bħala espressjoni penitenzjali ta' ħtija individwali u kollettiva, milli t-tifsira teoloġika li din tingħata fi ħdan istituzzjoni. Mill-banda l-oħra jista' wieħed igħid, wara li jaqra *Tabernakli*, li għal Azzopardi f'din il-fażi ta' l-esperjenza umana u poetika tiegħu, Alla ma jidher imkien, lanqas bħala problema? Li l-preżenza tiegħu ma tinħassx, imqar jekk biss bħala l-Alla ta' Ġobb fuq il-miżbla jew l-Eloj ta' Kristu fuq is-salib?

## L-ASPETT MISTIKU

Il-ġibda lejn l-aspett mistiku tar-reliġjon tistennieha. Diversi psikoloġi nnutaw kif fl-iżvilupp reliġjuż ta' l-individwu jseħħu żewġ kriżijiet: kriżi tal-fidi fl-adolexxenza, fejn dak li jkun jipprova jsib raġuni għal dak li fi tfulitu aċċettah bla ma staqsa; u kriżi oħra fil-maturità, fejn id-domma tibda tħallih biered, u jkun jixtieq ferment mistiku. (Jekk nieħdu l-Konċilju ta' Trentu bħala risposta, fuq livell kollettiv, għall-ewwel kriżi, u l-Konċilju Vatikan II bħala risposta għat-tieni kriżi, nifhmu għaliex mill-Konċilju Vatikan 'l hawn twieldu u sseddqu ħafna movimenti "mistiċi", bħall-Pentekostali u l-Kariżmatiċi).

Issa, kif għedt qabel, fir-reliġjonijiet orjentali nsibu enfasi qawwija fuq l-element mistiku, waqt li f'dawk semitiċi l-enfasi hija aktar fuq l-element profetiku. Din hi, mingħajr dubju, ir-raġuni ewlenija għala r-reliġjonijiet Indjani, i.e. l-Induwiżmu u l-Buddiżmu, illum qed jaffaxxinaw lil ħafna nies fil-Punent, li qabel kienu nsara, imma li llum m'għadhomx iħossuhom sodisfatti bil-Kristjaneżmu. It-twemmin Indjan li fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd huwa t-tisfija ta' l-individwu mid-distrazzjonijiet u l-impurezzi li jostakolaw l-għaqda tar-ruħ ma' l-Assolut, u li, fil-fond nett, l-essenza tar-reliġjonijiet hi l-istess – dan it-twemmin illum saħħar lil ħafna nies fil-Punent, imbeżżgħin mill-effetti tat-teknoloġija fuq is-soċjetà u l-individwu. Ħafna nies magħrufa, minn Aldous Huxley sa C.G. Jung, minn Sir Arnold Toynbee sa Shoun, mill-Beatles sa Bejart, ħassew is-seħer tal-ħsieb orjentali u ġew influwenzati minnu.

## MANTRA

Huwa f'dan id-dawl li wieħed irid jaqra l-poeżija ta' l-ewwel sezzjoni – imsejħa *Mantra* – kelma li tfisser, appuntu, litanija ta' kliem li għandu l-ħila jsaħħar u jgħaġġeb.

*Qalet Marku*, l-ewwel poeżija f'dil-kollezzjoni, tistabilixxi l-atmosfera. Il-kliem hu saħħari, kważi maġiku u jevoka tixbihat u kwadri msaħħra. Il-lampi fuq il-baħar, ir-riġnu jwaqqa' ż-żrieragħ, sema bla twieqi, siġra żahrija, art il-belladonna, il-ftejjel fjakki tas-sajjieda, blat niedi. Anki isem il-post, wieħed iħoss, huwa wżat għall-effett soniku. Imbagħad il-preokupazzjoni tematika ta' dnub u ndiema, is-sens ta' ħtija għal offiża li mhix imfissra ċar, forsi xi ħaġa li għaliha tħossok responsabbli mingħajr m'inti ħati fil-fatt:

waħdek . . . biex tgħarraq
dnub niesek fil-baħar.

*Tariqat* tibqa' fl-istess vena. Hawnhekk għandna t-twaħħid tal-poeta u l-mistiku, ta' l-estetiku ma' l-axxetiku, fil-figura tal-penitent, guru, pellegrin, riesaq bi fjura tan-narċis, b'qoffa żgħira tamal jew qasba li sab qalb ir-ramel, riesaq ħalli jitlob mal-ħerża tal-bir, "sakemm talbu jkun nadif daqs l-għadam."

**L-element Buddista f'*Tabernakli* huwa sintomu ieħor tar-"rinunzja tan-nisel".**

*Meta taqta' l-fjuri* hija lirika importanti għax turi x-xenqa tal-poeta għal Alla u d-diffikultà ta' komunikazzjoni miegħu meta l-aktar tixtieqha. Fl-ambigwità ta' l-aħħar strofa hemm id-dramm tal-problematika kollha ta' Azzopardi vis-à-vis Alla.

Alla l-assenza tal-ward
met'int tixtieqhom l-aktar.

Fil-Buddiżmu Alla huwa msejjaħ il-Vojt, dak li m'għandux isem. Fit-teoloġija negattiva ta' xi teoloġi nsara, l-enfasi titqiegħed fuq il-limiti tad-diskors fuq Alla, iżjed milli fuq dak li jista' jingħad. Imma Azzopardi jħalli dubju saħansitra dwar jekk il-komunikazzjoni hijiex *qatt possibbli*. Għan-Nisrani l-komunikazzjoni hija possibbli għax tibda minn Alla nnifsu, tiġi minnu bħala don, rigal. F'Azzopardi hemm biss ix-xenqa, mhux it-tweġiba għaliha. L-impressjoni tixbah lil dik li tieħu meta tara l-films ta' Bergman fuq l-istess suġġett (eż. *The Silence*).

Ma jkellmekx.
Lanqas meta ddeffislu
l-isbaħ fjura fil-kustat miftuħ.

U jekk Alla ma jitkellimx, mhux biss jibqa' sieket meta tridu jitkellem, imma jibqa' sieket dejjem – kif tista' tgħid li jeżisti? Din, għallinqas, tidher li hi l-mistoqsija li wieħed iħossu jrid jistaqsi f'tarf din il-poeżija.

Bħal *Poeżija*, u *Mewt fuq il-Plajja* t-tnejn jittrattaw it-tema tal-bniedem waħdu. Fl-ewwel waħda s-solitudni eżistenzjali "ta' min jagħmel li jkun waħdu" titqabbel ma' poeżija li ħadd ma jrid jismagħha, ma' lapida mingħajr kitba. Fl-oħra jingħad li "qalbu kienet bħal għanja qed tfittex 'il min ikantaha".

*Tao Te Cing* tolqtok bil-kontradizzjoni interna li hemm bejn l-istqarrija "jien m'għandix alla fiss" u l-invokazzjoni

ġbart ħafna frak, Mulej,
ta' nies immankati bħali,

paradoss li aċċennajna għalih qabel. Fost "l-immankati" li l-poeta jidentifika ruħ magħhom hemm Xokostri l-Grieg, li "qdiem bħall-akropoli/u tar għal New York/jispara 'l-ġrieden fid-drenaġġ tal-belt"; Yanaka l-Indjana li "xegħlet l-inċens/quddiem sidirha tal-lemin", wara li "qasqsuh fl-isptar San Ġorġ ta' Londra" minħabba l-kanċer u li "baqgħet tqaddu fl-ispirtu". Kien minħabba dawn il-laqgħat li ruħ il-poeta "saret katalgu ta' nies bla fattizzi.

F'*Alla Ċawlun* insibu verżjoni mitoloġika tal-mit tal-ħolqien u l-waqgħa. Mal-waqgħa ġiet il-mewt – il-kastig li Alla ta, donnu kontra qalbu, lil nisel il-bniedem:

Dakinhar Alla ħażżeż ras ta' mewt
ma' djul l-għadira
u għadda l-lejl jipprova jibki.

*Gulfam* hija poeżija oħra mnebbħa mill-mitoloġija orjentali. Fir-raġel b'gisem ta' fjura l-poeta jerġa' jilmaħ lilu nnifsu:

Jien ir-raġel tat-turban
qed infittex 'il min għandu s-sabar
jara x'ħarsa għandhom
għajnejja kannella.

Hawnhekk tinħass l-istess xewqa bħall-komunikazzjoni, fuq sfond estetiku, li tinħass f'*Mewt fuq il-Plajja*.

F'*Dar-raġel b'sieq waħda* l-poeta jidentifika ruħu b'mod mill-aktar espliċitu ma' dawk li qed ibatu:

Mulej: jien il-folla ta' l-imbikkma.
Naf kif tbati.

F'*Luċifru* hemm ripetizzjoni ta' l-idea li rajna f'*Qalet Marku*: l-idea li l-poeta qed ibati bla ħtija (għal dnubiet ħaddieħor?):

Meta taħsbek Luċifru bla ħtija.



L-ambigwità ta' dan l-aħħar vers qiegħed fil-fatt li d-dnub ta' Luċifru kien is-suppervja. Min jista' jgħid li hu bla ħtija? Mill-banda l-oħra donnu hawn l-idea li Luċifru weħel ta' kollox u li l-kastig li qala' kien eħrex minn dak li kien jistħoqq. L-effett li tħalli l-forma litanika tal-poeżija (sensiela ta' frażijiet temporali subordinati mingħajr riżoluzzjoni fi frażi b'verb ewlieni), huwa wieħed ta' protesta li ma tasal imkien, lament li jaqa' fuq widnejn torox, il-bikja mrażżna ta' xi ħadd maqbud f'ċirku li ma jistax joħroġ minnu.

Wara l-poeżija tal-vjaġġi f'artijiet barranin (p. 51 sa 57), l-ewwel sezzjoni tagħlaq bil-poeżija *Mantra*, l-isem tat-taqsima nfisha. Ta' min jinnota li ċ-ċerimonja ritwali li jiddeskrivi l-poeta f'din il-poeżija seħħet, kif tgħid in-nota, f'"appartament tas-setta tal-Ħare-Krixna f'Hamburgu"; jiġifieri hija reliġjon orjentali *importata* fil-Punent. Il-poeta jidher milqut sewwa mill-istramberija tar-ritwal, u għalhekk jiddeskrivih fid-dettall. Jidher milqut ukoll mill-figura u l-ġesti tat-tfajla li introduċietu għal din il-liturġija. F'dil-poeżija hemm riferenza għad-duttrina tat-trasmigrazzjoni tar-ruħ, jew metempsikosi, u r-ritorn bla waqfien tal-ħajja f'forom ġodda (Vasta Samsara), twemmin ċentrali fil-Buddiżmu u l-Induwiżmu:

ħajtek tiżloq bħal qatr' ilma
u tgħaddi, kif jidbiel dal-ġiżimin,
lejn rebbiegħa oħra.

It-tieni taqsima tal-ktieb jisimha *Mugħanni*, u hija magħmula minn poeżiji fl-istil tal-lirika pura, il-lirika tal-ħajja fil-beraħ u l-element naturali, li jirrispondu għal mumenti emotivi fl-esperjenza tal-poeta: l-ilma, il-qamar, l-agħsafar, il-baħar, ix-xita, l-istaġuni, is-siġar, il-blat, u r-riħ; lirika li titgħanna b'kisra fil-vuċi, ma' l-akkumpanjament ta' strumenti mużikali umli – il-kitarra, il-flawt, il-vjolin, dejjem f'tonalità minuri, fejn il-mara, maħbuba u mixtieqa, tidher jew 'il bogħod, jew siekta, jew misterjuża, jew sieħba fit-tbatija. U ż-żmien għaddej. Mill-ġdid, *Mugħanni* mhu ħadd għajr il-poeta nnifsu.

Mugħanni skur fetaħ qalbu mar-riħ
u l-ħaġar tnieħed bħallikieku fehem . . .
Mugħanni ilu ħamest iljieli ma jorqod,
iħuf messaġġ mal-fil tal-kosta.
Is-sema u l-lejl u l-ħaġar u l-baħar . . .
Mugħanni ried joħlom ħolm'oħra.

## AZAZEL

U nigu għat-tielet taqsima, msejħa *Azazel*, bħall-aħħar poeżija. Azazel hija l-mogħża tat-tpattija, il-bhima li fir-Rabta l-Qadima kellha ġġorr simbolikament id-dnubiet tal-poplu kollu. (Hija wkoll, għalhekk, simbolu ta' Kristu, li ħa fuq spallejh id-dnubiet tar-razza umana). Il-poeta jħossu responsabbli għal niesu u jgħolli leħnu f'isimhom, sew biex iperreċ ħtijiethom, sew biex jikxef it-tbatija tagħhom sew biex jifthilhom għajnejhom u joħroġhom mill-injuranza, sew biex ilissen it-tama li xi darba għad jinħelsu. Minn *Gandlora* nislet:

Malta tal-gandlori
itlob li jitqaxxru mħuħ uliedek.
Itlob għas-sapjenza.
Malta tas-seba' Madonni.
Għax hemm masġar għajnejn
u mank demgħa waħda.

U mis-*Siegħa tal-Ħanżir*:

Mulej. Ħares lejn dal-ħlas,
nebbah 'il niesi w oħroġhom
mis-sakra, min-ngħas.
Ja poplu bla ħmira
mur oħroġ iċ-ċippu tal-wegħda.
Mulej. Naddafhom mill-oppju
ta' min jidneb it-turment ta' l-injuranza.

Il-poeżiji kollha f'din it-taqsima (sebgħa b'kollox) igħaqqdu l-element soċjali-politiku ma' l-element penitenzjali-reliġjuż. Il-forma ħafna drabi tixbah lil dik tas-salm, b'ripetizzjoni litanika ta' l-ewwel kelma f'kull vers (eż. *Is-Siegħa tal-Ħanżir*), l-introduzzjoni ta' kwartini fuq l-istil tal-kurunelli tal-qaddisin (*L-Għabex tat-tliet nisa*), ir-riferenzi bibbliċi, l-aktar għal episodji tar-Rabta l-Qadima (*Jom Kippur* u *Azazel*). F'*Kantiku ta' Poplu* jinħass fuq xtut ix-xmajjar tal-Babilonja, il-lament ta' poplu tturufnat u msawwat.

Aktar milli lament, *Azazel* hija poeżija ta' protesta, fejn Alla, "Jahwe ta' Ġeremija", jiġi akkużat li qarraq bil-poplu tiegħu. Il-vokabolarju u l-istil f'dil-poeżija jfakkrek f'Azzopardi bikri. F'*Azazel* hemm il-mistennija ta' poplu li jrid jinħeles; u hemm ukoll "il-ħabbâr, liebes imkittef fuq blat l-għuxa, lest jeħlishom." Imma t-tama malajr tmut, hekk kif il-poeta jagħraf li talbu mhux milqugħ, u li dak li ttama u talab għalih għadu 'l bogħod.

U mal-foga tal-ward fil-passatur
jaħrab bħal mogħża mħaffra
jistenna r-repubblika l-oħra.

Fuq din in-nota sewda jagħlaq il-ktieb. Il-politiċi jwiegħdu u ma jagħtux. Alla jidher li ma semax' il-profeta (jew il-poeta) jaħseb u l-poplu jistenna li jinħeles. Jiġik li tistaqsi: "Meta?" U jiġik ukoll li taqta' jiesek.



*L-impenn soċjo-politiku jerġa' jiddaħħal f'*Tabernakli, *iżda din id-darba, l-atteġġjament ta' Azzopardi huwa aktar riflessiv mill-burdati tiegħu fis-snin Sittin. Il-poeżija fit-Taqsima* Azazel *igħaqqdu l-element soċjo-politiku ma' l-element penitenzjali-reliġjuż. F'naħat oħra tal-ktieb, il-poeta jżur inħawi fl-Ewropa fejn il-poplu bata mill-oppressjoni politika.*

## Noti dwar Movimenti Letterarji fl-Ewropa (2)

# IL-MODERNIŻMU



Freud — Rimbaud

Freud fl-1891, meta r-riċerki tiegħu dwar il-moħħ kienu diġà qanqlu kontroversja vjolenti.

Rimbaud, il-poeta "misħut" li ried ibiddel il-ħajja. Il-mewt tiegħu qabel il-waqt innewtralizzat wieħed mill-ilħna l-aktar importanti fil-letteratura moderna fl-Ewropa.

L-ISTESS KIF IR-ROMANTIĊI kienu rribellaw kontra l-manjeriżmu neo-klassiku u kontra l-Illuminiżmu, hekk ukoll, fit-tieni nofs tas-seklu 19, fl-Ewropa tnissel il-movlment tar-Realisti. L-idjoma moderna, marbuta qabel xejn ma' l-immedjatezza soċjali, bdiet tieħu s-sura li kellha twassal għall-attività varja ta' bosta kittieba li kienu konxji tal-moderniżmu tagħhom mingħajr ma riedu jkunu estetisti. Il-perċezzjoni tar-Realiżmu kienet ir-riżultat ta' kuxjenza ġdida xjentifika, pre-okkupata psikoloġikament mit-teoriji straordinarji ta' Freud kif ukoll minn fatturi ekonomiċi li kellhom iqallbu mill-qiegħ l-istrutturi tal-klassijiet soċjali f'sens Marxista.

Fl-essenza tiegħu, il-Moderniżmu huwa traspożizzjoni ta' l-"issa" jew tal-"kontemporanju". Għaldaqstant, in-naturaliżmu tar-Realisti kien diġà qabbad it-triq għall-moderniżmu li mbagħad ma baqax ifisser biss attitudni ġdida kontra waħda qadima, iżda fih innifsu sar spirtu, kuxjenza. Apollinaire kellu jitkellem dwar "l'esprit nouveau et les poètes" u Rimbaud dwar "il-ħtieġa assoluta li nkunu moderni", dispożizzjoni li mal-wasla tas-seklu 20 għaddiet mill-aħjar tendenzi tar-realiżmu fl-istil ta' xi Gorki jew Ibsen għall-Espressjoniżmu Ġermaniż, is-Simboliżmu u s-Surrealiżmu kif tħaddmu mill-Franċiżi, is-soċjalizzazzjoni tal-poeti l-ġodda fl-Ingilterra u l-Futuriżmu Taljan.[1]

Ġeneralment, il-ħtieġa għall-bidla mir-Romantiċiżmu għar-Realiżmu kienet il-konsegwenza tat-tisħiħ tal-borġeżija bħala klassi dominanti u l-qawmien tal-klassi tal-ħaddiema (il-proletarjat). L-intellettwali bdew jitkellmu f'isem il-batut u jaġitaw kontra dak li kien skwallidu.

Lejlet is-seklu 20, l-impulsi ta' l-avvent modernista jistgħu jkunu traċċati minn tliet sorsi ewlenin. Fi Franza, Zola kien ikkonkretizza d-duttrina illi l-bniedem huwa l-prodott ta' ċirkustanzi ereditarji u ambjentali, twemmin li kien firex il-filosfu Hippolyte Adolphe Taine fuq it-teżijiet ta' wħud bħal Hegel u Comte. Mill-banda l-oħra, fir-Russja dehru l-epiċi naturalistiċi ta' Tolstoy, mgħobbija b'mistika ġdida Kristjana u miżgħuda b'karattri umli li ma kinux qed jidhru bħala forċina għal xi Knisja aristokratika, iżda bħala l-immaġini kollettiva ta' Kristu mfaqqar materjalment. It-tielet impuls wasal mill-Iskandinavja bis-saħħa ta' l-inawgurazzjoni tad-drammi soċjali ta' Ibsen.

Minn dawn it-tliet naħat fl-Ewropa tnisslet il-letteratura proletarja, dik li Thomas Mann sejħilha "traġedja fqira fil-libsa ħarxa tal-moderniżmu popolari-realistiku". It-tendenza ħadet ma' l-Ewropa kollha; il-kuxjenza l-ġdida riedet il-verità li d-drammaturgu Ġermaniż Hauptmann kien qies li kellha tkun l-għajta tal-battalja kontra l-inġustizzja, il-faqar materjali u mentali u s-sottożvilupp tal-mases.[2]

Il-miġja tas-seklu 20 kompliet saħħet il-fehma li l-epoka moderna kienet waħda mingħajr preċedenti. Is-sens tal-"modern" nifed kull attività soċjali, mill-arti sat-trejdunjoniżmu,[3] mill-morali għall-umoriżmu b'impatt individwalistà u suġġettiv li, b'danakollu, kellu l-marka kollettiva ta' kuxjenza mwessgħa fost mijiet ta' artisti u letterati.

It-teoriji ta' Darwin, Einstein, Freud u Marx komplew taw sensittività ġdida lill-kumplessità moderna u l-aġġettiv "ġdid" sar ifisser filosofija, atteġġjament ta' kuxjenza popolari u volontarja li tista' titfisser tajjeb b'dis-silta minn wieħed mill-protagonisti Franċiżi tal-lirika ġdida, André Frénaud: "... it-tregħida profonda, is-sentiment ta' dak li huwa oriġinali, li jċaqlaq kollox eternament."

### IL-QAGĦDA F'MALTA

Il-letteratura bil-Malti damet ma ttieħdet mill-moviment modernista mhux biss minħabba l-insularità tal-gżira, iżda wkoll minħabba reġim letterarju akwixxenti li ried jibqa' jopera fil-limiti ta' poplu kolonjalizzat politikament u reliġjożament. Studjużi bħall-Professur Ġużè Aquilina kienu ħadu pożizzjoni konservattiva sa mis-snin Tletin. Aquilina kkunsidra l-qima ta' ċerti "futuristi" Maltin lejn Ungaretti bħala sintomatika ta' serviliżmu, lil T.S. Eliot ħati ta' versi li jikkwalifikaw bħala "sheer gibberish" u lil Dylan Thomas bħala kompożitur ta' strofi tal-ġenn u pretenzjużi.[4]

'L hawn u 'l hinn kienu dehru xi tentattivi iżolati li nqatgħu mill-versifikazzjoni bla siwi li ħakmet ix-xena letterarja lokali wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Rużar Briffa kien qed jikteb lirika solitarja mnissla minn stat ta' malinkonija kronika (Briffa kien stqarr fl-1945 li ma jiktibx għall-fama: "Għalija l-Poeżija xejn ma hi ħaġa ta' gost imma aktarx ta' tbatija kbira."). Iżda l-leħen li l-aktar li antiċipa l-Moviment ribelluż tas-Snin Sittin kien P. Serracino Inglott, filosfu u kritiku li l-poeżija tiegħu għadha ma ngħatatx l-importanza li jistħoqqilha. Lejn in-nofs tas-snin ħamsin, Serracino Inglott kien diġà qed jikkomponi versi awdaċi mnebbħin mill-preokkupazzjonijiet tal-Jien eżistenzjalista.[5]

Il-Moviment tas-Snin Sittin wera nervożiżmu kbir u nuqqas ta' sabar[6] bir-rettorika neo-klassika li kkaratterizzat ir-Romantiċiżmu lokali. Il-letterati l-ġodda kienu l-ewwel ġenerazzjoni ta' kittieba li, fil-parti vasta kienu ġejjin minn familji tal-ħaddiema u li gawdew mill-benefiċċji ta' sistema ta' edukazzjoni b'xejn għal kulħadd. Ironikament, il-lingwi barranin, l-aktar l-Ingliż u t-Taljan intużaw bħala l-istrumenti għall-aġġornament intellettwali tal-modernisti biex setgħu jkunu kontestati l-Istabbilimenti politiċi u reliġjużi.



**Il-poeżija l-ġdida ttieħdet ta' spiss mill- aħbar internazzjonali.**

F'temp ta' għaxar snin, bejn wieħed u ieħor mill-1966 sal-1976, il-letteratura Maltija rriflettiet, imqar jekk fi stadju sperimentali, il-movimenti letterarji kollha Ewropej fit-tmenin sena ta' qabel u li l-iskola tradizzjonali tant kienet imbiegħda minnhom. Ir-realiżmu soċjali, il-letteratura psikoloġika, l-ansjetà, il-protesta, is-simboliżmu, it-tiġdid metriku, sintattiku u grafiku, il-kubiżmu u s-surrealiżmu saru l-mekkaniżmi tremendi li aċċertaw il-waqgħa ta' l-ordni skadenti.

L-influssi kontinwi mill-Ewropa (inkluża r-Russja) u mill-Amerika ngħaqdu ma' l-aħbar internazzjonali biex jitnissel werrej kategoriku tal-letteratura l-ġdida, li ta' spiss kienet alleata ma' dik li bdiet tidher bħala kontradizzjoni: il-letteratura l-ġdida f'Malta riedet tafferma identità billi tiċħad l-identità indiġena. Kien minħabba f'hekk, fost raġunijiet oħra, li żvolġiet il-frammentazzjoni tal-Jien fuq il-linji ta' wħud bħal Joyce u Kafka.

Gorki, Mayakovsky, Blok, Baudelaire, Apollinaire, Char, Pavese, Marinetti, Papini, Pallazzeschi, il-poeti ta' Liverpool, Larkin, Gunn, Hughes, Whitman, Eliot, Pound, Corso, Ferlinghetti, Crane, Plath, u Konfessjonalisti oħrajn mill-Amerika invadew il-letteratura l-ġdida Maltija bħala referenzi spissi filwaqt li, min-naħa l-oħra, il-"critiques" letterarji ta' Eliot u Pound innifishom ("Make it New!"), is-suġġettiviżmu estetiku ta' Croce, il-Marxiżmu ta' Lukács, il-"bearings" ġodda ta' Leavis u Tate flimkien ma' l-istrutturaliżmu ta' xi Barthes jew Derrida żguraw diversifikazzjonijiet determinanti.

Il-polemika tal-modernisti f'Malta setgħet uriet ukoll atteġġjamenti aċidużi, l-aktar fil-konfront ta' Stabbiliment letterarju rigressiv li oppona ħafna mill-mottivi ġodda. Fil-perspettiva storika, jista' jkun li għad jidher illi l-esperimenti enerġetiċi ta' wħud mill-poeti ta' wara l-Indipendenza tal-1964 kienu krudi, iżda ċertament li f'dawk is-snin seħħet potenzjalità unitarja li fit-tieni nofs tas-snin sebgħin bdiet riesqa lejn sintesi aktar kalma u riflessiva,[7] bl-awturi jassumu responsabbiltajiet individwali saħansitra fit-tnissil ta' letteratura bi sfumaturi ta' reliġjon personalizzata intensament.

**NOTI**

1 Fl-1935 grupp ta' "irredentisti" Maltin dehru fl-antoloġija Taljana *Nuovi Scrittori e Poeti di Malta*, kompilata minn E.G. Montanaro, C. Liberto, G. Gauci u G. Cremona, bi prefazzjoni ta' Enrico Mizzi, il-mexxej tal-Partit Nazzjonalista li ried l-Italjanità tal-gżira. Cremona, li mbagħad kellu jsir Prim Imħallef ta' Malta u mħallef tal-Qorti Ewropa għall-Jeddijiet tal-Bniedem kiseb dottorat letterarju minn Ruma, fejn kellu xogħlijiet tiegħu moqrija minn artisti magħrufa tal-palk u minn F.T. Marinetti, fundatur tal-moviment kontroversjali tal-Futuristi fl-Italja. Il-filo-Italjani Maltin kellhom ukoll ir-rivista tagħhom, *La Brigata* (1932–1937), maħruġa mis-*Società Universitaria di Letteratura Italiana* u li kienet ixxandar diversi tentattivi poetiċi ta' ċerta densità metaforika (Cremona u Liberto, fost l-ewlenin), fehmiet ekwivoċi dwar il-Futuriżmu (E. Magri) u l-avangwardja (R.M. Petitto), reċensjonijiet prekoċi dwar il-poeżija ċerebrali u impressjonista (Cremona) kif ukoll indikazzjonijiet dwar l-attwalità tal-fażi faxxista fil-penisola (V.M. Pellegrini).

**LIVELL A**

Fl-Italja, il-Futuristi kienu jemmnu li l-Faxxisti kellhom programm progressiv, iżda ma damux ma skoprew l-iżvolġiment ġerarkiku, tradizzjonali u klassiku tal-partit ta' Mussolini. Waqt kungress tal-Fasci ġewwa Firenze, Marinetti saħaq dwar il-ħtieġa ta' "Svaticanamento". Il-*Manifesto del Partito Futurista Italiano* (1918) kien ried, fost ħwejjeġ oħra, is-soċjalizzazzjoni ta' l-art, in-nazzjonalizzazzjoni ta' l-ilma u l-minjieri, l-industrijalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni ta' l-ibliet, il-jedd għall-istrajk, il-liberta sħiħa ta' l-istampa, il-ħlas indaqs għan-nisa u l-irġiel fuq ix-xogħol, il-pensjonijiet soċjali, il-politika antiklerikali u l-liġi li ddaħħal id-divorzju. Marinetti u sħabu kienu ddiżappuntati severament mill-konverżjoni reazzjonarja tal-Faxxisti u rriżenjaw mill-partit f'Mejju tal-1920, imqar jekk aktar tard Marinetti, minħabba sentimenti patrijottiċi, aċċetta l-kompromess psikoloġiku mas-sustanza politika faxxista (Cfr. *Poesia Contemporanea*, Ed. A. Quondam u G. Rispoli, Le Monnier, Firenze, 1973, pp. 17–25).

Diversi kittieba ġodda "brigatisti" Maltin ipproduċew lirika malinkonika u wħud, fosthom bħal Mallia, Marinelli, Lucia u Maria Elena Borg, mietu f'età prematura. L-opra tagħhom tinkorpora spirtu li jiskapula l-limiti provinċjali Maltin, imqar jekk it-teknika tagħhom kienet għadha formalistika u mwebbsa.

Hemm indikazzjoni kontradittorja fil-fatt li, meta fis-snin sittin taqsimiet ta' l-Istabbiliment kulturali għaddew f'idejn kittieba ta' formazzjoni Taljana bħal V.M. Pellegrini, direttur ta' *La Brigata* li, f'antoloġiji bħal *Vele all'Orizzonte* (1935) kien diġà sperimenta b'ċerta metrika awdaċi, l-avangwardja letterarja ta' wara l-Indipendenza (1964) iltaqgħet ma' ħafna mblokki ta' reżistenza konservattiva.

Wara t-tieni gwerra dinjija brigatist ieħor, Cremona, beda jikkomponi bl-Ingliż u żvolġa poeżija b'reżonanzi qawwija Mediterranji li dehret fl-aħjar tagħha f'*Limestone 84 – Poems from Malta* (Ed. D. Massa, M.U.P., 1978). Il-moviment tal-Brigatisti jitlob stħarriġ u jista' jintrabat mal-klikek intellettwali midħla ta' l-Istitut Taljan li fetaħ fl-1932, il-*British Council* (inawgurat seba' snin wara) u l-Caffè Premier li Herbert Ganado qabblu mal-Caffè Greco ta' Ruma. Din l-investigazzjoni tista' tirkaċċja mas-sobrjetà riservata ta' Dun Karm li kien daħal fl-aqwa fażi tal-poeżija tiegħu bil-Malti iżda li xorta waħda kien qed isegwi d-destin politiku ta' l-Italja Faxxista (Cfr. Ġ. Cardona, *Dun Karm, Ħajtu u Ħidmietu*, K.K.M., 1972, p. 216).

Min-naħa l-oħra, il-kritiċi lokali rabtu r-rinaxximent modern f'Malta fis-sittinijiet ma' movimenti importanti fl-Ingilterra u fl-Istati Uniti, iżda l-influssi mill-Futuristi Taljani, bħall-"parole in libertà", sperimentazzjoni tipografika, kienu għadhom ma kkunsidrawhomx. Għad iridu jkunu analizzati wkoll l-effetti ta' poeti importanti bħal Yevtushenko, Voznesenski, Gunther, Grass u Brecht fuq il-poeżija lokali, li saħansitra użat l-improviżazzjoni jazzista u l-*cabaret* biex tasal għand udjenza usa'.

2. It-tendenza modernista kontinentali saħansitra ħaditha kontra l-istituzzjoni l-aktar tradizzjonali fl-Ewropa: il-Knisja Kattolika. Fil-bidu tas-seklu 20, il-Papa Piju X ikkundanna 'l fuq minn 65 domma moderna. L-istess Papa huwa kkwotat fil-poeżija twila ta' Apollinaire *Zone*. (Cfr. *Selected Writings of Guillaume Apollinaire*, trad. R. Shattuck, Harville Press, Londra, 1950 p. 117).

3. Ta' min jinnota dis-silta ta' H.D. Traille: "Not to be *new* is, in these days, to be nothing". (Cfr. H. Jackson, *The Eighteen Ninetees*, Penguin, M'sex, 1939). Sindakalisti militanti soċjalisti li mexxew lill-ħaddiema tal-gass u lill-ħaddiema tat-tarzna f'Londra fl-istrajk tal-1899 tqiesu wkoll bħala organizzaturi li wrew "a new type of leadership". (Cfr. W.H.B. Court, *A Concise Economic History of Britain*, Cambridge Univ. Press, 1967, pp. 288–9).

4. Cfr. *Modern English Poetry f'Journal of the Faculty of Arts*, R.U.M., Vol. 1, N. 2, 1958.

5. Cfr. p.eż., *Għanja tal-Ħarifa*, kompożizzjoni tal-1954 imxandra f'*Leħen il-Malti*, Sena XXIX, N.2, 1960.

6. Ikun ta' interess li wieħed jassoċja minn diversi aspetti l-polemika tal-modernisti f'Malta mal-moviment ta' l-*Isturm und Drang* li seħħ fil-Ġermanja bejn l-1770 u l-1780. "It-tempesta u l-Assalt" tal-moviment Tedesk urew tendenzi torbidi u passjonali, riedu jerġgħu lura lejn stat primittiv u sfugaw l-aspirazzjonijiet tagħhom kontra Alla, is-soċjetà u l-liġijiet ta' l-Istabbiliment. Esponenti bħal Hamann u Lenz ħadu pożizzjoni Kristjana billi ħolqu umaniżmu "qaddis", martirizzat u profetiku.

7. Cfr., fost xogħlijiet oħra, l-analiżi *An Account of Contemporary Maltese Poetry* ta' O. Friggieri f'*The Year Book* (1984) fejn hemm diskussa l-fehma dwar il-poeta Malti, interessat fid-dimensjoni eterna u assoluta tal-bniedem.

**MARIO AZZOPARDI**

# Semantika [2]

## L-Omofonija

FL-EWWEL ARTIKLU fejn eżaminajna r-rabta kelma (forma) ←——→ sens, konna sibna li l-komplessità tal-lingwa titlob dijagrammi aktar komplessi biex ifissruha. Għalhekk konna ħriġna bid-dijagramm li qed nirriproduċu hawn taħt




biex nuru li kelma (forma) tista' tintrabat ma' żewġ sensi, tlieta jew aktar, bħalma jiġri fil-każ tal-kelma polisemika *ras*. Dan l-istess dijagramm iżda se jaqdina wkoll għad-diskussjoni li jmiss dwar l-*omonimija* li hi fenomenu lingwistiku attiv sew fil-Malti. Meta żewġ forom, jew aktar, li oriġinarjament kienu jinkitbu jew jitlissnu b'mod differenti, u jfissru sensi differenti, jiġrilhom li kaġun ta' proċess ta' tibdil fonetiku jew grafemiku jiltaqgħu f'forma identika, ngħidu li saru *omonimi*.

Jekk inżommu f'moħħna li l-forma tal-kelma tista' tkun sew fonetika kemm grafetika, insibu li fl-omonimija nistgħu nagħżlu bejn żewġ varjanti, li se nsejħulhom *omofoni* u *omografi*. Omografi huma żewġ forom (li jikkorrispondu għal żewġ sensi distinti) li għalkemm jinkitbu bl-istess mod, jitlissnu b'mod differenti. Dan narawh fiż-żewġ kelmiet *fili* (pl. ta' *fil*) li titlissen bl-ewwel vokali twila /fi:li/ u *fili* (mill-verb *fela/jifli*) fejn l-ewwel vokali hi qasira /fili/.

Fil-Malti jidher li l-omografija hija numerikament ferm inqas mifruxa mill-omofonija. Barra minn hekk ma jidhirx li l-omografija toħloq wisq problemi ta' ambigwità. Għall-kuntrarju jidher li l-lingwa tiflaħ tittollerahom, bħalma għamlet bil-par żina /żina/'adulterju' u żina/żi:na/'tiżjin'. Għalhekk se nagħtu l-ġenb lill-omografija biex nikkonċentraw fuq l-*omofonija*.

Żewġ kelmiet, jew aktar, oriġinarjament imlissnin b'mod divers, isiru omofoni meta, riżultat ta' żviluppi fonetiċi, jiltaqgħu f'forma fonetika identika. Biex nagħtu ħjiel ta' kemm l-omofonija għandha sehem importanti fil-Malti biżżejjed ngħidu li dan l-artiklu hu bażat fuq 230 par (u kultant settijiet ta' tlieta u aktar) omofonu. Mhux il-pari kollha ta' din il-ġabra għadhom jitħaddmu fil-Malti. F'bosta każi kelma waħda mill-par m'għadhiex tinstama', u f'xi każi t-tnejn intesew jew ġew skartati. F'kelma waħda fl-istat attwali tal-Malti (l-istat sinkroniku ta' llum) m'humiex omofoni. Dan il-fatt għandu sinjifikat importanti, u nippruvaw infissruh fi tmiem dan l-artiklu.

Bosta huma l-kawżi li jwasslu għall-omofonija. Bla dubju l-aktar kawża importanti (anki fis-sens numeriku) huwa t-twaqqigħ[1] ta' bosta fonemi Għarbin mis-sistema fonoloġika tal-Malti tul iż-żmien meta lsienna kien qed jinqata' mil-lingwa omm u jiżviluppa fi lsien indipendenti. Barra t-twaqqigħ ta' xi fonemi hemm ukoll it-tlaqqigħ (nistgħu ngħidu twaħħid) ta' żewġ fonemi Għarbin f'fonema waħda Maltija.

Hekk ġara li għandna pari omofoni fil-Malti li fil-Għarbi, imnejn daħlu, m'huma omofoni xejn:

| | |
|---|---|
| *ħajt* (pl. ħitan) | *ħajt* (pl. ħjut) |
| *ferragħ* (ħareġ il-frieghi) | *ferragħ* (battal) |
| *baħħar* (ivvjaġġa fuq il-baħar) | *baħħar* (fewwaħ bl-inċens)[2] |

Kawża oħra ta' omofonija hija l-assimilazzjoni ta' fonema f'fonema oħra li qed tmiss magħha. L-assimilazzjoni li l-aktar topera fil-Malti hi l-assimilazzjoni rigressiva fejn il-ħoss li jassimila ruħu jiġi qabel il-ħoss li jikkondizzjonah.

| | |
|---|---|
| /'a:tsa/ *għadsa* (minn *għodos*) | *għatsa* (minn *għatas*) |
| /'jigbdu/ *jiktbu* (minn *kiteb*) | *jigbdu* (minn *gideb*) |

Insibu wkoll omofomija bejn kelma li daħlet mill-Għarbi u oħra li daħlet mit-Taljan (jew Sqalli), kultant saħansitra kliem mill-Ingliż jiġi jaqbel fil-ħoss ma' kliem ieħor.

| | |
|---|---|
| /dju'ra:t/ Rumanz: *ġurat* (membru tal-ġurija) | Semitiku *ġurat* (insett magħruf) |
| /flet/ Ingliż: *flatt* (appartament) | Rumanz: *flett* (laħam taċ-ċanga) |

Hemm ukoll għadd ta' każi ta' omofonija kawżati mit-telfien tal-leħen ta' fonemi minnhom infushom imleħħna, minħabba li jaħbtu f'tarf ta' kelma.

| | |
|---|---|
| /bies/ *bies* (imperf. jbus) | *bież* (tajra magħrufa) |
| /ʔat/ *qadd* (sehem mill-ġisem) | *qatt* (maqlub ta' dejjem) |

Hemm imbagħad xi ftit każi ta' omofonija li qisna stedinniehom b'idejna. Iż-żewġ kelmiet oriġinarjament magħżulin minn xulxin fil-ħoss (fl-ilsien oriġinali tagħhom) sfaw imwaħħdin (biex ma ngħidux imħawdin) f'ħoss wieħed:

| | |
|---|---|
| *mandolina* (l-istrument) (<Tal. mandolino) | *mandolina* (il-frotta) (<Tal. mandarino) |
| *kazzola* (tal-kaħħal) (<Sq. cazzola) | *kazzola* (tal-mara tad-dar) (<Sq. cazzarola) |

L-eżempji li eżaminajna s'issa huma kollha pari ta' omofonija sinkronika, jiġifieri ż-żewġ kelmiet li jixxiebhu fil-ħoss huma t-tnejn imħaddmin fi lsienna llum. Dan għandu mnejn jagħti wieħed x'jaħseb li l-lingwa tiflaħ takkomoda għadd kbir ta' omofoni. Dan huwa minnu għax il-lingwa nnifisha għandha bosta mezzi kif tilqa' kontra n-nuqqas ta' ftehim. Hekk per eżempju, il-biża' li wieħed jitfixkel il-verb *bies* man-nom *bież* jeżisti biss fit-teorija, appuntu minħabba li wieħed hu verb u l-ieħor nom.

Iżda hemm għadd ġmielu ta' pari oħra fejn waħda miż-żewġ kelmiet m'għadhiex fl-użu (omofonija dijakronika) li jagħtuna x'nifhmu li meta l-lingwa tara, f'xi par omofonu, theddida għall-komunikazzjoni, hija tuża mezzi estremi – it-twarrib ta' waħda miż-żewġ kelmiet, meta mhux it-tnejn li huma. Hekk insibu dokumentat fid-dizzjunarji Maltin, sa minn żmien Agius De Soldanis, żewġ verbi *ħarat*, wieħed fis-sens li jafu llum, "ħadem ir-raba'" u l-ieħor f'sens illum minsi għal kollox "neħħa l-frieghi, il-weraq, il-fdal tal-frott mis-siġra". Vassalli juża grafemi differenti biex jikteb l-ewwel ittra taż-żewġ verbi, u f'De Soldanis ukoll hemm ħjiel li ż-żewġ kelmiet kienu jitlissnu waħda mhix bħall-oħra fi żmienu. Nafu li ż-żewġ kelmiet daħlu mill-Għarbi fejn m'humiex omofoni (cfr. حَرَثَ u خَرَطَ). Iżda l-fatt li ż-żewġ verbi jidħlu fl-istess sfera tad-diskors – l-agrikoltura – flimkien mal-fatt li l-kelliem Malti f'xi żmien fl-imgħoddi ma baqax jagħżel bejn il-kelmtejn fil-ħoss, ġabu t-twarrib ta' waħda miż-żewġ kelmiet.

1. Dwar it-twaqqigħ ta' dawn il-fonemi wieħed jista' jaqra aktar f'artiklu ta' David Cohen fil-*Journal of Maltese Studies* (No. 3, 1966), u xogħol aktar reċenti, Alexander Borg: *A Historical and Comparative Phonology and Morphology of Maltese* (1978), teżi għad-dottorat stensiljata u ċirkolata privatament).
2. Dawn il-kelmtejn barra milli huma omofoni huma wkoll omografi.

GEORGE DOUBLESIN

"Anatomija"

# *Intervista:* LINO SPITERI [2]

*Fl-ewwel taqsima rajna x'nebbhek għan-novelli; tista' tkompli tfisser aktar fuq hekk?*

"Daħk" tirrifletti inċident veru. Dak kont qiegħed Londra fl-1967, sewwa sew ma' Victor Fenech. Niftakar konna morna naraw logħba futbol u meta konna sejrin lura fejn konna qed noqogħdu għal dik il-lejla u konna fit-*tube* iltqajna proprju ma' dak l-inċident illi ddeskrivejt hemmhekk. Tfajla bil-miniskert u li l-miniskert ma tantx kien jixirqilha. L-irġiel li kien hemm hemm, ir-reazzjoni tagħhom pjuttost kienet waħda li ma tantx għoġbithom għax kienet bil-miniskert u għalhekk bdew jidħqu biha. Imbagħad dik is-sewda li bdiet izzekzek "Ara x'għarukaża," hi stess ma sabithiex bi kbira biex tipprova ma tħallasx lil tal-biljetti. Storja sempliċi li turi daqsxejn waħda l-ipokresija ta' ċerti nies.

"Le, Missieri, Le" hija s-subkonxju jitkellem. Kulħadd kultant jibda jirrelata fuq il-ħajja tiegħu li jfittex jekk xi darba kellux xi ħtijiet fiha. Jiena missieri miet tletin sena ilu u forsi kont qed nirrelata hemmhekk il-fatt illi miet, kien marid; xorta waħda ma ninsiehx. Kelli ħaġa personali miegħu illi ħarġet novella bla tifsira inizzjali. Jekk trid tfissirha kif trid int.

"Ħabib" waħda milli ktibt fl-istess perjodu ta' "Raġel tal-Poplu" u "Ħala taż-Żgħożija fl-1959. Għall-ewwel ktibtha bl-Ingliż u ma nafx għalfejn ħarġet dik. Dik il-ħabta kienu jxebbhuha ma' xi novelli ta' dak li kien jikteb stejjer tal-waħx bħal "The Pit and the Pendulum". Imma ma kontx qrajtu dan.

"Ħabib" hija waħda mill-aktar novelli strambi li ktibt u naħseb waħda mill-aħjar novelli għax tittratta pjuttost l-imħabba u l-għira. Kemm l-imħabba tista' ssir mibegħda meta fin-nofs tidħol l-għira; però flok it-trattament tradizzjonali bejn mara u raġel, bejn ġuvni u tfajla, hija meħuda bejn ġuvni u ġuvni. M'hemm xejn imħabba anaturali dwarha; sempliċement kienu ħbieb ġenwini. Iżda daħlet l-għira bejniethom u din wasslet sal-massimu tagħha fejn iġgibhom f'pożizzjoni ta' qtil. Wieħed kien ma jagħmel xejn, dgħajjef, xipli u l-affarijiet dejjem jiġuh tajjeb. It-tfajliet iħobbuh, fl-istudju jmur tajjeb. Waqt li l-ieħor kien mingħalih ambizzjuż iżjed u jistudja iktar. Sadattant dejjem għalkemm jidher aħjar mill-ħabib tiegħu, dejjem imur agħar minnu; u allura jasal li din l-għira tant tiżbilanċjalu moħħu li jasal biex joqtlu. Iżda meta qatlu sab li qatel lilu nnifsu għax m'għandux tifsira oħra għall-ħajja. Novella stramba imma la ħarġet ħarġet u qiegħda għal qalbi.

"Anatomija" ktibtha fis-sittinijiet meta kienet qed tissemma ħafna u kienet għaddejja polemika qawwija fuq il kontroll tat-twelid. Din in-novella hija adulta u matura u ma fiha xejn oxxen, imma mhix tat-tfal żgħar. Però kien qed jissemma ħafna l-kontroll tat-twelid u fil-fatt ħassejt li kienet polemika, problema ta' min jittrattaha. U ttrattajtha b'mod illi ma tantx hu użat. Fis-sens illi n-novella kollha hija djalogu, ma fiha l-ebda deskrizzjonijiet u f'ambjent ironiku apposta. Għax il-problema tal-kontroll tat-twelid lill-protagonista wasslitu biex jirrikorri għall-mezzi agħar fil-fehma tiegħi mill-kontroll tat-twelid. Imbagħad tispiċċa b'dik l-ironija illi mar ħdejn il-mara tiegħu u l-mara tiegħu qaltlu: "Jekk trid, mur sib oħra."

Allura, kontroll tat-twelid u infedeltà. Liema hi l-agħar fosthom? Mhix mistoqsija li tweġibha malajr. Il-moralista jgħidlek it-tnejn ħżiena. Jiena ngħid: "Ma nafx!"

"Mikroskopju" miktuba fis-sittinijiet u tirrifletti ħafna l-qagħda tal-kittieba fis-sittinijiet u anki l-qagħda tiegħi nnifsi fl-1964. Jien qatt ma pparteċipajt f'kotba tal-poeżiji għax m'iniex poeta. Ħriġt ktieb tal-poeżiji xi sentejn ilu (li ma tantx hu tajjeb għax ma tantx mexa) iżda poeta m'iniex. Imma kont nipparteċipa ma' dawn in-nies bħala ħbieb. Għax lanqas biss kont nipparteċipa fil-għaqda letterarja jew fil-"Moviment Qawmien Letterarju". Imma peress li kont ħabib ħafna ta' Victor Fenech, minn dak iż-żmien sirt naf lil Friggieri, lil Daniel Massa u lil Frans Sammut. Konna nitkellmu ħafna u niltaqgħu, koinċidentalment, mhux f'laqgħat formali, li qatt ma kont immurhom. Però, is-Sibt filgħodu kien hemm tendenza li għall-ħabta tal-ħdax jew nofsinhar dak li jkun kien jinżel lejn il-*Première* u npoġġu bil-qiegħda hemmhekk, nixorbu xi ħaġa u noqogħdu nparlaw. Hemmhekk ġietni l-idea tal-"Mikroskopju". Mikroskopju x'inhu? Is-soċjetà qiegħda taħt mikroskopju. Fil-fatt kieku kelli nerġa' noħroġ il-ktieb *Anatomija*, illum mhux *Anatomija* nsemmih iżda ntih l-isem ta' *Mikroskopju*, għax naħseb li hu titlu iżjed addattat għalih F'"Mikroskopju" kont qed inħares mil-lenti lejn kulħadd, inkluż lejna nfusna, inkluż jiena nnifsi. Infatti nħares lejn il-borgeżija kif hi rappreżentata mill-Każin Malti. Inħares lejn il-Parlament u nħares lejn dak li qegħdin jagħmlu hemmhekk. Jiena veru kont fil-Parlament, allura qiegħed ninki lili nnifsi, immaqdar lili nnifsi. Speċi għax meta kont hemmhekk jien ma tantx għamilt ġid, ma tantx għamilt affarijiet tajbin. Qed inħares lejn il-kittieba stess, li aħna nieħdu l-affarijiet bis-serjetà u d-dinja m'hi qed teħodna xejn bis-serjetà. Imbagħad tispiċċa biex dan il-bniedem li qiegħed *sitting-in judgement* fuq din is-soċjetà kollha, ikun għaddej il-ħamiem u dan iħammeġ fuqu. Dik hi apposta, *degradation*, tbaxxi lilek innifsek. Fl-aħħar mill-aħħar, tikkonkludi li s-soċjetà ma tridx teħodha ħafna bis-serjetà, għax jekk teħodha bis-serjetà m'int ser tasal imkien. L-idea kollha li hemm f'din in-novella hi ta' dak l-element li jgħid li dak li qed tikkritika f'ħaddieħor jista' jkun li jekk tħares fil-mera ssibu fik innifsek.

*Għaliex għażilt* Anatomija *bħala l-isem ta' dan il-ktieb?*

Għażilt dan l-isem għax jien bħala kittieb li prinċipalment għandi sfond soċjali, il-kitba tiegħi hija pjuttost soċjali, mhix maqtugħa mill-arja. Nies komuni b'relazzjonijiet fejn hemm diversi membri tas-soċjetà dwar ħsus ta' individwi. Ħassejt li dawk in-novelli li qed indaħħal hemmhekk jirreflettu s-soċjetà. Huma effettivament 'Anatomija' tas-soċjetà. 'Anatomija' tfisser qed tħares lejn il-'ġisem' tas-soċjetà, u allura ħadtha minn dik il-frażi li tinsab fin-novella li ġġib l-istess isem: "Trid tistudja l-anatomija ta' kuxjenza?" L-ideja tiegħi kienet li flok anatomija ta' kuxjenza, anatomija tas-soċjetà. Titlu mhux ħażin għal novella, iżda għall-ktieb ċerti nies jaħsbu li hu xi ktieb tal-mediċini u forsi "Mikroskopju" kien ikun iktar addattat. Dan għaliex sewa biex jilħaq dan l-oġġett, li jiftiehem li trid tgħarbel u teżamina s-soċjetà. Kif tgħarbilha u teżaminaha? Billi tqegħedha taħt mikroskopju.

*Fin-novella tfittex l-istil tradizzjonali tal-introduzzjoni, l-iżvilupp u l-konklużjoni?*

Le, jien ma niktibx hekk. Jien ġeneralment ikolli ħsieb f'rasi u meta jiġini ħsieb ta' novella f'rasi, ġeneralment jiġini f'moħħi kif ser tispiċċa iktar milli kif ser tiżvolġi ruħha, x'ser ikun hemm ġo fiha.

Jien hekk nagħmel. Meta jiġini ħsieb ġo rasi kif in-novella ser tispiċċa mbagħad

nitlaq, naf safejn ser nasal; imma kif mill-*punto di partenza* se nasal għall-final ma nkunx naf. Hemmhekk, jibda joħroġ l-ilma ġieri. Din hi ħaġa sabiħa, tiftaħ il-vit u joħroġ l-ilma iżda ma tafx liema direzzjoni ser imur. Taf liema direzzjoni ser imur għax il-final tafu; iżda kif ser jasal hemm, minn liema kanali se jgħaddi ma tafx. Ma nistax ngħid li m'iniex kittieb tradizzjonali jew li m'iniex kittieb. Nikteb għax inħoss li għandi nikteb xi ħaġa u niktibha. Issa jekk ħaddieħor jara xi merti fiha nieħu pjaċir; jekk ma jarax, kważi l-iktar ħaġa importanti hi li nkun ktibtha.

*X'awturi barranin influwenzawk?*

L-iktar li qrajt huma awturi Ingliżi. Prinċipalment Somerset Maugham li qrajt ħafna u ħafna kotba minn tiegħu. Qrajt in-novelli kollha tiegħu. Qrajt ħafna xogħlijiet ta' Morris West u Graham Greene. Dawk it-tlieta l-iktar. Oscar Wilde qrajtu wkoll. Qrajt ukoll il-kotba ta' O'Henry li ma tantx kiteb tajjeb ħafna, mhux xi *short stories* tajbin ħafna. Iżda kien żviluppa id-*double twist* meta l-istorja tispiċċa. Taħseb li sejra tispiċċa mod imbagħad issib li tispiċċa mod ieħor. "Wiżgħa" fil-fatt hija novella li tispiċċa bid-*double twist*. Issa dawn kollha konxjament ma ħadt xejn mingħandhom, imma la tkun qrajt fis-subkonxju jidħlu mingħajr ma trid. Sfortunatament, ma qrajtx awturi Taljani u awturi Russi jew Franċiżi. Franċiżi ftit qrajt, bħal Camus, u mhux ix-xogħlijiet filosofiċi tagħhom imma x-*short stories* li huma tajbin ħafna.

*Taħseb li l-ambjent ta' Ħal Qormi influwenzak fil-kitba tan-novelli?*

Influwenzani għax Ħal Qormi villaġġ magħmul minn nies ħaddiema u ordinarji. Jien bniedem ordinarju, fqir, twelidt, trabbejt, mhux fis-sens li kont inbati l-ġuħ imma fis-sens li jekk m'intix taħdem ma għandekx biex tgħix. Jekk missieri kien marid, ma kellna xejn fuq xiex niġbdu; riedet taħdem ommi. Allura bħali kien hemm mijiet u eluf ta' nies oħra. Mela dak ambjent wieħed.

It-tieni nett kien ambjent ta' l-iktar bażi soċjali żviluppata li naf li teżisti. Kulħadd jaf lil kulħadd u kważi kważi kulħadd igħix ma' kulħadd. Ma tistax tmut bil-ġuħ fl-irħula tagħna għax dejjem issib min igħinek. Ma tistax tagħti xebgħa lil xi ħadd sal-punt li toqtlu għax dejjem issib min iferrqek. Mill-banda l-oħra, lanqas tista' tagħmel affarijiet għal rasek iżżejjed għax dejjem issib min jindaħallek xi naqra. Dawn huma l-iżvantaġġi u l-vantaġġi tal-villaġġi tagħna, fosthom Ħal Qormi, u li influwenzawni ħafna. Ferħan li għext u twelidt f'dak l-ambjent. Kieku ma twelidtx f'dak l-ambjent kont inkun bniedem differenti.

## L-aspetti ambjentali fir-rumanz *San Ġwann*

# TIPI F'XIBKA TA' MELODRAMMA

Fir-rumanz ta' Ġużè Galea ma nsibux l-iżvilupp psikoloġiku tal-karattri. Lanqas ma nsibu l-ambjenti veristi, karatteristiċi tal-kitbiet realistiċi jew naturalistiċi. L-indħil fl-inkonxju tal-karattri kien għadu 'l bogħod ħafna. Konna għadna fit-tfulija tal-letteratura Maltija. Il-moħħ popolari – il-konxju kollettiv – kien jaħdem f'linji ta' dimarkazzjoni definiti. Il-filosofija bażika tal-mod kif il-Malti kien jaqsam il-ħajja kienet duwalistika. Kollox kien jinqasam fi tnejn – it-tajjeb u l-ħażin. Dak li l-moħħ kien isib bħala kulturalment aċċettabbli kien tajjeb. Dak li kulturalment kien barrani kien ħażin. F'dan il-kuntest dak li kien barrani, ifisser dak li l-Malti kien għadu mhux imdorri bih.

Fid-dawl ta' dan l-atteġġament, wieħed malajr jifhem il-karattri suwed u l-karattri bojod. Fuq naħa waħda nsibu l-karattri 'xjaten'. Dawn il-karattri huma ħżiena. Lesti li jwettqu kull att, tajjeb u ħażin biex jilħqu l-għanijiet perversi tagħhom. M'hemm l-ebda ħniena jew inkella sens ta' mogħdrija. L-iskop ta' ħajjithom huwa li jiksbu l-poter akkost ta' kollox. Dawn huma karattri ta' azzjoni. M'humiex karattri wieqfa. Iżda għal kuntrarju, huma l-karattri li jieħdu l-inizzjattiva, u huma mimlija proġetti. Huma karattri korrotti fil-mod kif iġibu ruħhom. Kliemhom huwa mimli kliem 'faħxi u moqżież' u l-imġiba tagħhom hija ta' min jistmerrha. L-imgħoddi tagħhom m'huwa glorifikanti xejn. Għal kuntrarju huwa mgħoddi 'imgħarraq fil-vizzji '. Ma jidher l-ebda ħjiel ta' 'fidwa'. Huma l-karattri li huma determinati u predestinati li jgħaddu ħajjithom fil-ħażen.

Il-karattri tajbin, min-naħa l-oħra, huma karattri ġwejda, li qishom għaddejjin mill-ħajja mingħajr ma jafu l-ħażen li qiegħed jiġri warajhom. Huma nies mingħajr 'ħażen'. Huma l-vittmi tat-tiranni li l-ħin kollu jfittxulhom għemilhom. Kollox jidher bħallikieku qiegħed jheddidhom biex itellfilhom il-paċi ta' ħajjithom. Il-forzi tal-ħażen bħal qishom ingħaqdu flimkien biex jagħmlu traġedja minn din ħajjithom. Għalhekk huma jgħaddu minn proċess ta' tbatija u vittimizzazzjoni kontinwa. L-istess natura bħal qisha tingħaqad flimkien mal-karattri biex toħloq l-ostakli għal dawn l-'imsejkna', li jridu jimxu fit-'triq tas-sewwa'.

Bejn iż-żewġ tipi ta' karattri, il-'ħżiena' joħorġu bħala l-iktar konvinċenti, fis-sens li l-ħżiena jidhru li huma iktar realistikament 'validi'. Il-karattri l-oħra bħal qishom maqlugħin min-niċeċ.



Sitwazzjonijiet li "jissuġġerixxu l-antikità"



**Il-Gran Mastru Le Cassière (1572 – 1581).**

L-elementi tal-ħażen u l-elementi tat-tjubija u l-virtù jidħlu f'taqtigħa waħda f'ambjent mimli melodramma, ħarbien, qdif fuq ix-xwieni, intrigi, tbatija, qtil, imwiet, firda mill-maħbubin, twegħir, kalunji, malafama, it-teħid u ċ-ċaħda ta' l-imħabba, is-solitudni. Iżda fl-aħħar mill-aħħar, wara li qalbna tingħasrilna bħal lumija, isseħħ ir-rebħa. Ir-rebħa viżjonata b'mod romantiku għandha tkun ir-rebħa għal min sofra l-aktar u kien imċaħħad minn dak li kien jistħoqqlu.

L-ambjent li joħloq l-awtur biex jiċċelebra r-rebħa għandu jkun wieħed uniku u mhux wieħed trivjali. Iċ-ċerimonja tat-tieġ, bir-ritwali, kulturalment aċċettati magħha, għandha tgħin biex il-qalb tirtab u fl-aħħar isseħħ ir-rebħa tat-tajjeb fuq il-ħażen. Mhux sew li wara li l-qarrej ikun għadda minn dik it-tbatija kollha, jara l-karattru li jkun identifika ruħu miegħu, u li dejjem jaqla' bis-sieq, jispiċċa biex ikun il-vittma fit-tmiem tar-rumanz. Dan ikun ifisser li fid-dinja l-ħażin jirbaħ fuq it-tajjeb. Ir-romantiku ma jaċċettax din id-definizzjoni ta' ħajja. Wara d-'doloruż' jiġi l-'glorjuż'. Għalhekk it-taħbil kollu li sseħibna fih matul ir-rumanz, l-intriċċi, l-improbabbiltajiet, it-tensjonijiet, it-taħwid, il-mhux mistenni, jinħallu kollha f'salt u kollox isolvi ruħu. Kollox isib postu. Mhux bil-kompromessi bejn dak li huwa tajjeb u dak li huwa ħażin, iżda b'mod assolut u kategoriku. 'San Ġwann' il-kattidral jirbaħ, u miegħu jirbħu n-nies 'ġwejda', li tant ħadmu għalih, fosthom Mariroż u Ġlormu Cassar.

In-natura titlob li min wettaq il-ħażen għandu jiġi kkastigat u kkastigat b'mod aħrax. Issa lejn it-tmiem tar-rumanz insibu li kollox beda jaħdem bil-maqlub ta' dak li rajna jinbena matul it-taħbil ta' l-intriċċi tar-rumanz. Menzju li jipprova jaħrab b'ħabel imut u jmut b'mod diżastruż u melodrammatiku. Hekk isseħħ il-vendetta li kienet mistħoqqa.

Kull karattru li niltaqgħu miegħu f'dan ir-rumanz ma nistgħux ngħidu li huwa 'individwu', jiġifieri bniedem komplut bit-tajjeb u l-ħażin tiegħu u b'dawk l-isfumaturi griżi li kulħadd għandu. Kull karattru huwa t-'tip per eċċellenza', li jsib ruħu f'idejn l-awtur li bħall-ventrilokwista jmexxih huwa nnifsu bl-ispaga tiegħu lejn u kif irid hu. Is-suġġettività tal-awtur tinħass il-ħin kollu. Il-karattri m'għandhom l-ebda ħajja indipendement minnu, minkejja li dawn huma karattri storikament veri. Għalhekk l-awtur lest li ma jittrattax l-istorja b'mod xjentifiku biex ikun jista' jwassal il-'forma mentis' tiegħu b'mod ċar kemm jista' jkun. Dawn il-karattri għalhekk jaqgħu f'kategoriji sempliċisti. Huma karattri ċatti (*flat characters*) b'dimensjoni waħda u mhux karattri tondi (*round characters*) b'dimensjonijiet multipliċi. Huma qegħdin hemm biss bħala l-ispalliera li fuqhom tinbena l-ġrajja. M'hemmx ħajja għalihom lilhinn mill-istorja speċifika. L-ambjent jaħkem fuqhom u jmexxihom hu. L-avvenimenti u l-inċidenti li jsibu ruħhom fihom dejjem għandhom ir-riħ fil-qala'. Huma ma jiżviluppawx matul il-mixja tar-rumanz. Jibdew 'suwed' u jispiċċaw 'suwed' minkejja l-irjieħ.

Dawn huma karattri prifabbrikati: l-awtur jiddeskrivihom minn qabel. Il-karatteristiċi fiżiċi tagħhom juru bħal f'mera l-kwalitajiet spiritwali tagħhom. M'għandhomx tama li joħorġu dak li jkunu tabilħaqq matul il-mixja tar-rumanz. Ladarba karattru daħal fir-rumanz, awtomatikament jingħata tikketta definita. Il-qarrej ikun jaf sewwa sew fejn għandu jqiegħdu, jekk għandux jissimpatizza miegħu jew inkella jistmerru, jekk għandux iħobbu jew jobogħdu.

Il-ġrajja ta' dawn il-karattri sseħħ f'ambjent li nafuh – Malta. Mhijiex, madanakollu Malta ta' llum, iżda Malta arkajka. Malta aktar agrikola u inqas kummerċjalizzata. Malta għadha qiegħda tinbena. Huma ambjenti arkajċi, li l-iżvilupp li ġieb miegħu ż-żmien qeridhom. Kienu żmenijiet tal-kaless u mhux żmenijiet tal-karozzi tal-linja. Kienu żmenijiet tal-ħakma ta' l-Ordni ta' San Ġwann u mhux ta' Maltin imexxu lilhom infushom. Huma żmenijiet nostalġiċi, marbuta ma' l-egħruq storiċi tagħna fis-sens kronoloġiku ta' l-Istorja u mhux fis-sens intimu ta' ruħ il poplu. L ambjentazzjoni qadima li jiddeskrivi l-awtur tinħass bħal qisha 'glorjuża' għax fiha kien qiegħed iseħħ il-'progress' (il-bini tal-Konkatidral ta' San Ġwann); dak li aktar tard kellu jkun meqjus bħala 'ġawhra ta' l-arkitettura' ta' Malta.

Dan l-ambjent joħroġ aktar bil-lingwaġġ Semitiku li Ġużè Galea (1901 – 78) juża fl-iżvolġiment narrattiv kif ukoll fil-kliem li jdaħħal f'ħalq il-karattri tiegħu. Huwa kliem arkajku u magħżul biex jissuġġerixxi dejjem aktar l-antikità, minkejja li żmien il-Kavallieri huwa ż-żmien li ra d-dħul tas-saff Rumanz fil-Malti. Lessiku u sintassi jimxu b'mod sempliċi u dirett. M'hemmx kumplikazzjonijiet sintagmatiċi. Ir-rumanz jinbena b'sensiliet ta' ritratti mlewna b'riħa ta' folklor, storja u immaġinazzjoni tal-kittieb, li fit-tradizzjoni tal-kittieba tar-rumanz storiku-romantiku jgħaqqad l-Istorja ta' Malta ma' storja ta' mħabba idejalizzata.

It-trobbija ta' Ġużè Galea sabet ma' wiċċha kultura ta' teatrini tad-dmugħ. F'dawn id-drammi, jew aħjar drammuni, kollox kien jimxi b'mod li min jarahom jibki. Il-kultura min-naħa tan-narrattiva kienet toffri stejjer bħal *Indrì s-Sajjied*, *Il-Mejjet li Reġa' Qam*, *Ġenoveffa* u oħrajn. Din il-kultura popolari, flimkien mal-fdalijiet tal-ħrejjef ta' Patri Manwel Magri li kienet tgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra oralment, kienet ħafna għal qalb il-poplu, fil-biċċa l-kbira tiegħu illitterat. L-isforz ta' Ġużè Galea biex flimkien mad-dmugħ idaħħal aspetti storiċi kien żvilupp 'il quddiem. Din il-kitba kellha tgħin fil-ħolqien ta' kuxjenza nazzjonali favur l-Istorja ta' Malta, il-wirt kollettiv ta' poplu sħiħ.

Ġużè Galea, kuntrarjament għal dak li wettqu ħafna storiċi, ma waqafx fis-sempliċi rakkont ta' avvenimenti storiċi dwar ħakkiema barranin, iżda b'xi mod daħħal ukoll aspetti ta' l-Istorja Soċjali ta' Malta u tal-ħaddiem Malti, għalkemm mhux fis-sens kif inhuwa mifhum f'kitbiet ta' natura soċjali fi żmienna. Min-naħa l-oħra fid-dawl tal-Malti 'safi', Ġużè Galea għen ukoll biex l-Ilsien Malti jibda jitħaddem bħala mezz letterarju.

Għalhekk huwa importanti li kitbiet ta' dan it-tip li jagħmlu parti mill-iżvilupp tal-letteratura ta' żmienna ma nqisuhomx minn għajn il-kritika ta' żmienna, iżda bħala prodott ta' żmenijiet oħra. Ir-rumanz realistiku Malti (*L-Isqaq*, 1962, ta' Ġużè Chetcuti) u r-rumanz psikoloġiku (*Il-Gaġġa*, 1971, ta' Frans Sammut) kellhom jibdew jinkitbu minn rumanzieri aktar żgħażagħ fis-snin u b'mentalità oħra. Jibqa' l-fatt li l-kitbiet ta' Ġużè Galea, bħal *San Ġwann* (1939), *Raġel bil-Għaqal* (1943) u *Id-Dinja Rota* (1964), juru aspett importanti fl-iżvilupp tan-narrattiva Maltija. Dan minkejja li fiż-żmien li fih inkitbu dawn ir-rumanzi, barra minn Malta kienu ilhom is-snin li nqatgħu.

Dawn il-kittieba tar-rumanz storiku Malti, fosthom Missier il-Letteratura Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi b'*Nazju Ellul* (1909) għenu biex jerġgħu jqajmu l-imgħoddi, u biex il-Maltin isiru konxji li huma wkoll kellhom storja. L-istorja mentali kellha tinkixef aktar tard bir-rumanzi psikoloġiċi u bil-poeżija l-ġdida li bdiet fis-snin sittin.

**TARĊISJU ZARB**

**٥.٢**

الكَبِير
الأَلِيف
المَرِيض
الجَائِع
الأَسَد العَاطِش
الحَيّ
المَقْتُول
السَرِيع
الوَسِخ
النَعْسَان

**٦.٢**

الأَسَد
الكَلْب
الدِيب
الأَرْنَب
البَحْر الكَبِير
البَاب
البَيْت
البُسْتَان
الكُرْسِيّ
الشَارِع

**٧.٢**

الصَغِير
الكَبِير
القَدِيم
الجَدِيد
الفِنْجَان النَظِيف
الوَسِخ
الخَفِيف
الثَقِيل
الجَمِيل
المَكْسُور

**٨.٢**

الفِنْجَان
القَلَم
الشَارِع
البَيْت
البَاب الصَغِير
الدَفْتَر
الكِتَاب
الكُرْسِيّ
الكَلْب
الأَرْنَب

**٩.٢**

المَاهِر
القَصِير
الغَنِيّ
الفَقِير
الطَبِيب الطَوِيل
المَقْتُول
الحَيّ
الكَبِير
الصَغِير
الشُجَاع

**١٠.٢**

الطَبِيب
الفَلَّاح
الطَالِب
المُعَلِّم
الطَبَّاخ المَاهِر
التِلْمِيذ
الخَيَّاط
الأُسْتَاذ
التَاجِر
الخَبَّاز



١.٢

الكِتَاب

الجَدِيد
الجَمِيل
الصَغِير
الكَبِير
الوَاسِع
القَدِيم
الثَقِيل
الخَفِيف
الوَسِخ
النَافِع

٢.٢

الجَدِيد

الكِتَاب
القَلَم
الشَارِع
الطَبِيب
الفِنْجَان
البَاب
الدَفْتَر
البَيْت
الجُنْدِيّ
الحِصَان

٣.٢

الأَب

الوَسِخ
الكَبِير
النَظِيف
القَصِير
الطَمُوح
الشُجَاع
الأَمِين
الطَوِيل
الغَنِيّ
الكَرِيم

٤.٢

الوَسِخ

الأَب
الاِبْن
الجُنْدِيّ
الفَلاَّح
الأُسْتَاذ
الأَخ
الطَالِب
الرَجُل
الوَلَد
الجَدّ

٥.١

| | |
|---|---|
| كَبِير | |
| أَلِيف | |
| مَرِيض | |
| جَائِع | |
| عَاطِش | أَسَد |
| حَيّ | |
| مَقْتُول | |
| سَرِيع | |
| وَسِخ | |
| نَعْسَان | |

٦.١

| | |
|---|---|
| أَسَد | |
| كَلْب | |
| دِيب | |
| أَرْنَب | |
| بَحْر | كَبِير |
| بَاب | |
| بَيْت | |
| بُسْتَان | |
| كُرْسِيّ | |
| شَارِع | |

٧.١

| | |
|---|---|
| صَغِير | |
| كَبِير | |
| قَدِيم | |
| جَدِيد | |
| نَظِيف | فِنْجَان |
| وَسِخ | |
| خَفِيف | |
| ثَقِيل | |
| جَمِيل | |
| مَكْسُور | |

٨.١

| | |
|---|---|
| فِنْجَان | |
| قَلَم | |
| شَارِع | |
| بَيْت | |
| بَاب | صَغِير |
| دَفْتَر | |
| كِتَاب | |
| كُرْسِيّ | |
| كَلْب | |
| أَرْنَب | |

٩.١

| | |
|---|---|
| مَاهِر | |
| قَصِير | |
| غَنِيّ | |
| فَقِير | |
| طَوِيل | طَبِيب |
| مَقْتُول | |
| حَيّ | |
| كَبِير | |
| صَغِير | |
| شُجَاع | |

١٠.١

| | |
|---|---|
| طَبِيب | |
| فَلَّاح | |
| طَالِب | |
| مُعَلِّم | |
| طَبَّاخ | مَاهِر |
| تِلْمِيذ | |
| خَيَّاط | |
| أُسْتَاذ | |
| تَاجِر | |
| خَبَّاز | |

# تمارين لتعليم النحو والصرف (١)
## بقلم جرج مفصود

اقرأ ما يأتي بصوت مرتفع :

١.١

كِتَاب

جَدِيد
جَمِيل
صَغِير
كَبِير
وَاسِع
قَدِيم
ثَقِيل
خَفِيف
وَسِخ
نَافِع

١.٢

جَدِيد

كِتَاب
قَلَم
شَارِع
طَبِيب
فِنْجَان
بَاب
دَفْتَر
بَيْت
جُنْدِيّ
حِصَان

١.٣

أَب

وَسِخ
كَبِير
نَظِيف
قَصِير
طَمُوح
شُجَاع
أَمِين
طَوِيل
غَنِيّ
كَرِيم

١.٤

وَسِخ

أَب
اِبْن
جُنْدِيّ
فَلَّاح
أُسْتَاذ
أَخ
طَالِب
رَجُل
وَلَد
جَدّ

# *Profil:* Gużè Delia, S.J.
## (1900 – 1980)

ĠORĠ MIFSUD



**Wieħed mill-aħħar ritratti li ttieħdu lil Delia.**

Din li l-karattri huma kollha f'waqthom u bżonjużi tirrifletti sewwa l-istil folkloristiku ta' kull narratur popolari li jasal għall-qofol ta' dak li jrid igħid mingħajr telf ta' żmien u kliem fil-vojt. Għall-istess raġuni n-narratur ikun oġġettiv għal kollox. Delia jersaq ħafna lejn din il-karatteristika, l-aktar fid-djalogu. L-element personali soġġettiv jidħol biss fil-bidu u/jew fl-egħluq ta' xi leġġendi, bħal meta jgħid kif ħassu fi tfulitu wara dak ir-rakkont. Ngħidu aħna, ara "Il-Leġġenda tal-Madonna Purtinara":

Niftakar, dik il-lejla,
Waħdi, mimdud fis-skiet,
Ħassejtha iktar qrib fejni
Lil Ommna tas-smewwiet.

U ħlomtha ... hekk sabiħa!
Wiċċha jroxx ħniena u benna ...
Tatni tbissima hekk ħelwa ...
Stħajjiltni qed il-ġenna.[13]

Xi karattri qegħdin ukoll fi sfond deskrittiv folkoristiku. Hemm San Pietru bil-ktieb u bil-muftieħ,[14] hemm Luċifru b'midra f'idu, wiċċu mqit, denbu twil u bil-qrun;[15] hemm il-motivi komuni ħafna fil-Mediterran tax-xebba li ma tlaħħaqx ma' sħabha meta l-għadu Tork ikun ġej warajhom imma għanqbuta tgħattilha d-daħla tal-għar fejn tistaħba u teħlisha ħafif minn taħt idejh;[16] u hemm il- karattru Lhudi tas-Sultan Salamun.

Lessikament, it-talba ta' Żgugina lil San Dimitri l-iktar li toqrob lejn l-istil popolari. Qabbel l-erba' versi ta Delia:

Roddhuli lil ibni, ġibhuli,
Inwiegħdek li ntik qasba żejt,
Biex biha nixgħellek il-lampa
F'dil-knisja fejn fostna inti ġejt[17]

mat-taqbila Għawdxija:

San Dimitri, ġibli 'l ibni,
U nixgħellek qasba żejt;
Nixgħelhielek minn fil-għodu
U sservik sa nofs il-lejl!
(L-Għarb)[18]

L-element uman fil-karattri sopranaturali karatteristika folkloristika u tipika ta' Delia. Dan jidher l-aktar fil-"Leġġenda ta' Brejbes", minħabba d-djalogi, ġie li fl-imperattiv u għalhekk b'qawwa drammatika iżjed: it-tħassib tal-"angli ftit fuq tagħhom"[19] li għarrfu lil sħabhom fuq l-erwieħ mhux tas-soltu li kien hemm fil-ġenna; l-għassa lil San Ġużepp f'mantar skur, wiċċu mgħotti u jdaħħal in-nies b'sellum, mingħalih mhu qed jarah ħadd; il-proċess ta' San Ġużepp u t-tkeċċija tiegħu; l-indħil malajr ta' San Pietru malli sema' t-tweġiba tal-protagonista; u Luċifru jross lil Brejbes ma' sidru u jbusu.

### IL-PLOTT U D-DESKRIZZJONIJIET

Bħall-karattri, il-plott u d-deskrizzjonijiet għandhom importanza sekondarja għall-għan ta' Delia l-pedagoġista. Huma mezz u mhux l-iskop tiegħu. Hemm l-arti għall-messaġġ milli l-arti għaliha nfisha.

Għalija, biex il-leġġenda tintgħoġob, hemm bżonn li jkollha (i) plott interessanti li jolqot u jiġbed; (ii) nisġa tal-plott fi kwadri ċari u ħajjin, li jkunu hekk imqassmin u marbutin flimkien, li meta tgħaddi minn wieħed għall-ieħor, tħoss tiżdied fik il-ħeġġa ta' l-interess. Dan jitlob studju mhux biss letterarju, imma wkoll psikoloġiku. (iii) Libsa sabiħa, mirquma, imżejna b'kelma sempliċi, ġerrejja, li jista' jifhimha kulħadd u b'vers ħafif li jdoqq fil-widna u jaqbel max-xejra tal-ħsieb u tal-qalb.[20]

Il-kelma "plott" ma tridx tittieħed fis-sens letterarju kif aħna mdorrijin nużawha għar-rumanzi, għan-novelli u għall-bqija. Il-leġġendi ta' Delia dejjem għandhom il-plott **sempliċi** tipika tan-novellistika popolari. Kif ingħad qabel, jibqa' x'aktarx dejjem fidil għall-istorja kif sawwarha l-poplu. Għalhekk, wieħed jiltaqa' ma' ħafna karatteristiċi folkloristiċi, f'dan l-aspett tal-leġġenda ta' Delia, li jirriflettu l-akbar influwenza tal-folklor fuq l-awtur.

Fost dawn il-karatteristiċi, ta' min isemmi:

(i) **il-ġrajja** kważi dejjem iddur fuq karattru wieħed, bħal Patri Xmun u Sor Delin. L-isem tal-leġġenda ġie li jimplikah dan ukoll: ara, ngħidu aħna, "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp", "Il-Leġġenda tas-Sultan Kburi," "Susanna – Leġġenda tal-Milied" u "Il-Leġġenda tal-Buffu tal-Madonna".

(ii) **il-bidu** u **l-egħluq** tal-ġrajja fil-leġġenda: il-leġġenda tibda mill-kalma għall-eċċitament fil-fil tan-narrativa ewlenija, fejn il-karattru protagonista jiġrilu xi ħaġa, u tispiċċa mill-eċċitament għall-kalma. Fuq hekk, ara, ngħidu aħna, "Il-Leġġenda ta' San Dimitri".[21]

(iii) **fl-egħluq** iħobb jispiċċa bit-



**Delia fl-1955.**

tmiem karatteristiku tal-ballata letterarja Ewropeja, u b'hekk lil-leġġenda jagħtiha tifsira universali, li fil-fatt din tidħol fil-leġġendi etjoloġiċi.

U l-baħar li jħabbat max-xtajta
Dil-ġrajja għadu jtenni sa llum,
U jibqa' jtenniha u jgħanniha,
Sakemm Għawdex wieqaf idum.[22]

(iv) **żewġ karattri** jistgħu jidhru fl-istess ħin. Minħabba f'hekk tidħol dik li fil-folklor baqgħet magħrufa bħala l-liġi tal-kuntrast. San Ġużepp jikkuntrasta mal-anġli,[23] Tereża mat-tfajla bi "lbies tal-ħarir"[24] u Juan ma' Ineż.

Fuq is-Salib poġġa idu
U stqarr quddiem kulħadd:
"Naħlef li din il-wegħda
"Lil Ineż m'għamilt qatt!"

"Qed jigdeb!" għajtet Ineż.
Leħinha kien imqit,
U jinfed, jaqta' 'l ġewwa
Bħal xafra tal-ħadid.[25]

(v) **L-għajnuna** jew **l-indħil sopranaturali** jinstab ukoll. Din il-karatteristika folkloristika kienet xi drabi teżisti biss fil-mit; iżda maż-żmien daħlet fil-ħrafa u fil-leġġenda u bħal qabel, baqgħet msieħba bit-trasformazzjoni u/jew bit-traspożizzjoni. Fil-leġġendi ta' Delia l-għajnuna sopranaturali hemm fejn hi l-kawża tal-ġrajja, bħal fil-"leġġenda ta' San Ġużepp", u hemm fejn hi s-soluzzjoni għat-tagħlima, bħal fil-"Leġġenda ta' l-Ilma tal-Ħniena", "Il-Leġġenda tal-Kurċifiss tal-Wied", "Il-Leġġenda tal-Madonna Purtinara", "Il-Leġġenda ta' San Dimitri", "Il-Leġġenda ta' San Nikola", "Susanna Leġġenda tal Miłied", "Il-Leggenda tal-Madonna ta' Caraffa" u "Il-Leġġenda tal-Buffu tal-Madonna".

(vi) **It-twist** fl-aħħar tal-leġġenda ġie li jintrabat bis-sħiħ mat-traspożizzjoni u mat-trasformazzjoni. "Il-Leġġenda tal-Għasfur tal-Ġenna" tħoll u torbot fuq it-trasformazzjoni ta' Patri Xmuni, tant li saħansitra hu stess jibqa' mistagħġeb b'kulma ġralu. Iżda hemm każi fejn it-twist joħroġ waħdu, u għalhekk, jidher wisq iżjed naturali. Ngħidu aħna, bis-saħħa ta' l-umiltà tiegħu, Brejbes qala' t-tifħir ta' Luċifru u ta' l-infern kollu;[26] u l-makakkerija ta' San Ġużepp ħallietu jibqa' mhux biss fil-ġenna, imma wkoll itella' l-erwieħ devoti tiegħu mid-dinja.

Imbagħ'd fetaħ kemm fommu,
U tkellem b'leħen sħiħ:
"Jekk dan titlob il-liġi,
"Jien nitlaq minnufih.

"Imma jekk nitlaq jiena,
"Irrid 'il marti miegħi.
"Irrid ukoll 'il ibni,
"Għax dan hu b'liġi tiegħi".[27]

Fuq l-istess argument tat-twist, ara wkoll "Il-Leġġenda tal-Buffu tal-Madonna".

(vii) **fin-narrazzjoni** tal-ġrajja Delia fil-biċċa l-kbira **ma jmurx lura** bil-"flashback" biex jimla l-vojt li seta' ħalla barra. Fit-testi popolari x'aktarx li wieħed dejjem isib li jkun hemm ħajta waħda.

(viii) Delia juża **r-ripetizzjoni għall-enfasi**. Fil-letteratura artistika d-deskrizzjoni dettaljata jista' jkollha l-istess ħsieb. Fin-narrattiva folkloristika hemm ir-ripetizzjoni għal tliet darbiet, u Delia dan jagħmlu, saħansitra wkoll fid-djalogu. F'dan il-każ, madankollu, it-tieni u/jew it-tielet djalogu mhumiex dejjem fidili għal kif intqal eżatt il-kliem fid-djalogu ta' qabilhom.

Delia jagħti importanza kbira lid-deskrizzjonijiet. Biex jasal għalfejn iridha l-kliem jagħmlu sempliċi u fi vrus mexxejja li jmorru mal-ħsieb u ma' l-emozzjoni tal-waqt. B'hekk, il-qawwa tad-deskrizzjoni jfittixha wkoll bis-saħħa tal-kelma u tal-metrika. It-tixbih jidħol



**Id-dar fejn twieled Delia.**

sewwa, l-aktar it-tixbiha li tispeċifika l-idea astratta u fl-istess ħin tqawwiha u ssaħħaħha.

"Nistaqsu lil San Pietru.
"Hu biss tal-bieb is-sid.
"Hu biss jista' jgħidilna,
"X'ifisser dat-taħwid."

San Pietru stagħġeb, tbikkem,
U ħalef darba, tnejn,
Li dawk l-uċuħ ta' forka.
Ma kien jaf bihom xejn.[28]

Delia jħobb jiddeskrivi l-atmosfera ta' l-istorja fil-leġġendi. Iżda wieħed ma jistax jiġġustifikah meta d-deskrizzjonijiet ta' din ix-xorta jkunu twal wisq b'mod li jistgħu joqtlu l-interess tal-qarrej. L-istil mexxej u ġerrej tiegħu ġie li jtellef l-apprezzament tal-finezza fid-deskrizzjoni; fl-istess ħin dan it-tip ta' vers igħinu ħafna lil Delia fid-devjazzjonijiet letterarji tiegħu, bħal ċerti kostruzzjonijiet lingwistiċi li kieku jidhru koroh morfoloġikament. Ngħidu aħna,

Itella' u jgħin u jdaħħal
Lil ħbiebu li fit-talb,
Dejjem fittxew **għajnuntu**,
Dejjem semmewh bil-qalb.

Għax hemm fi żmien tfuliti,
L-egħżeż **tifkirijiet**...[29]

u

**Zokkitha baqa' wieqaf**
U lanqas ftit ma lwew.[30]

NOTI

13. "Il-Leġġenda tal-Madonna l-Purtinara", paġ. 38.
14. "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp", paġ. 12.
15. "Il-Leġġenda ta' Brejbes", paġ. 20.
16. "Il-Leġġenda tal-Wied ta' l-isperanza", paġ. 47.
18. Din it-taqbila ġbartha mill-Għarb, Għawdex u għadha tingħad sa llum mill-kbar u ż-żgħar.
19. "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp", paġ. 12.
20. "Kelmtejn ta' l-Awtur", *Leġġendi*, 2ni edizz., 1964, paġ. 5.
21. *Leġġendi* (5es edizz.), paġ. 45ff.
22. "Il-Leġġenda ta' San Dimitri", *ibid.*, paġ. 48.
23. "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp", *ibid.*, paġ. 13.
24. "Il-Leġġenda ta' l-Ilma tal-Ħniena", *ibid.*, paġ. 26.
25. "Il-Leġġends tal-Kurċifiss tal-Wied", *ibid.*, paġ. 31.
26. "Il-Leġġenda ta' Brejbes", *ibid.*, paġ. 22.
27. "Il-Leġġenda ta' San Ġużepp", *ibid.*, paġ. 14.
28. *Ibid.*, paġ. 13.
29. *Ibid.*, paġ. 14: "Il-Leġġenda tal-Għasfur tal-Ġenna", paġ. 16.
30. "Il-Leġġenda tal-Palma tax-Xagħri", *ibid.*, paġ. 88. Il-kliem mgħawweġ fit-tliet siltiet irid jiġi "l-għajnuna tiegħu", "tifkiriet" u "iz-zokk tagħha".